Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Diċembru 2022**
**(OR. en)**

**15837/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0402(CNS)**

**JUSTCIV 167**
**FREMP 261**
**JAI 1654**
**IA 219**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' Diċembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 695 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 695 final.

Mehmuż: COM(2022) 695 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2022
COM(2022) 695 final

2022/0402 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur**

{SEC(2022) 432 final} - {SWD(2022) 390 final} - {SWD(2022) 391 final} - {SWD(2022) 392 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Unjoni għandha l-għan li toħloq, iżżomm u tiżviluppa spazju ta’ libertà u ġustizzja li fih jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni, l-aċċess għall-ġustizzja u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Biex timbotta ta’ dan l-objettiv, il-President tal-Kummissjoni von der Leyen qalet fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fl-2020 li “Jekk inti ġenitur f’pajjiż wieħed, inti ġenitur f’kull pajjiż”. B’din id-dikjarazzjoni, il-President tal-Kummissjoni rreferiet għall-ħtieġa li jiġi żgurat li l-istat ta’ ġenitur stabbilit fi Stat Membru jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha għall-finijiet kollha. Din l-inizjattiva ġiet identifikata bħala azzjoni ewlenija fl-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[1] u fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ[2].

L-**objettiv** tal-proposta huwa li ssaħħaħ il-**protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u ta’ drittijiet oħra tat-tfal f’sitwazzjonijiet transfruntieri**, inkluż id-dritt tagħhom għall-identità[3], għan-nondiskriminazzjoni[4] u għall-ħajja privata u tal-familja[5], u għad-drittijiet ta’ suċċessjoni u manteniment fi Stat Membru ieħor, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja[6]. B’mod konsistenti ma’ dan l-objettiv, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[7] jisħqu li d-drittijiet tat-tfal huma universali, li kull wild igawdi l-istess drittijiet mingħajr diskriminazzjoni ta’ kwalunkwe tip u li l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati.

Objettivi addizzjonali tal-proposta huma li tipprovdi **ċertezza legali** u prevedibbiltà dwar ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta’ ġenitur f’sitwazzjonijiet transfruntieri u dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur, u **biex jitnaqqsu l-kostijiet legali u l-piż** għall-familji u għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri b’rabta mal-proċedimenti legali għar-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur fi Stat Membru ieħor.

Il-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur bejn l-Istati Membri tirriżulta minħabba li ċ-ċittadini jsibu ruħhom dejjem aktar f’sitwazzjonijiet transfruntieri, pereżempju fejn ikollhom membri tal-familja fi Stat Membru ieħor, jivvjaġġaw fl-Unjoni, imorru fi Stat

---

1 L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM/2021/142 final.

2 Unjoni ta’ Ugwaljanza: L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698 final.

3 L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

4 L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5 L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

6 L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

7 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, id-9 ta’ Ġunju 2022, 10024/22.

Membru ieħor biex isibu impjieg jew jibnu familja, jew biex jixtru proprjetà fi Stat Membru ieħor. Madankollu, huwa stmat li żewġ miljun tifel u tifla jistgħu bħalissa jiffaċċjaw sitwazzjoni li fiha r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tagħhom kif stabbilit fi Stat Membru wieħed ma jkunx rikonoxxut għall-finijiet kollha fi Stat Membru ieħor.

Id-dritt tal-Unjoni diġà jirrikjedi li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-istat ta' ġenitur ta' wild kif stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-**drittijiet li l-wild jingħata mid-dritt tal-Unjoni**, b'mod partikolari skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE[8] dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri[9], li jinvolvi d-dritt għal trattament ugwali[10] u l-projbizzjoni ta' ostakli fi kwistjonijiet bħar-rikonoxximent tal-ismijiet[11].

Madankollu, id-dritt tal-Unjoni għadu ma jirrikjedix li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-istat ta' ġenitur ta' wild kif stabbilit fi Stat Membru ieħor għal **skopijiet oħra**. Dan in-nuqqas ta' rikonoxximent jista' jkollu **konsegwenzi negattivi sinifikanti għat-tfal**. Dan ifixkel id-drittijiet fundamentali tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri u jista' jirriżulta fiċ-ċaħda tad-drittijiet idderivati mill-istat ta' ġenitur skont id-dritt nazzjonali. Għalhekk, it-tfal jistgħu jitilfu d-drittijiet tagħhom ta' suċċessjoni jew ta' manteniment fi Stat Membru ieħor, jew id-dritt tagħhom li kwalunkwe wieħed mill-ġenituri tagħhom jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tagħhom fi Stat Membru ieħor fi kwistjonijiet bħat-trattamenti mediċi jew l-edukazzjoni. Dawn id-diffikultajiet jistgħu jġiegħlu lill-familji jibdew **proċedimenti legali** biex l-istat ta' ġenitur tat-tfal tagħhom jiġi rikonoxxut fi Stat Membru ieħor, iżda dawn il-proċedimenti legali jinvolvu ż-żmien, l-kostijiet u piż kemm għall-familji kif ukoll għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri u għandhom riżultati inċerti. Fl-aħħar mill-aħħar, għalkemm l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu l-istat ta' ġenitur kif stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni, il-familji jistgħu jiġu **skoraġġuti** milli jeżerċitaw id-

8 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004).

9 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Diċembru 2021 , *V.M.A. vs Stolichna obshtina*, C-490/20, ECLI:EU:C:2021:1008, li fiha l-Qorti ddeċidiet li l-Istati Membri huma meħtieġa jirrikonoxxu l-istat ta' ġenitur għall-finijiet li jippermettu lil wild li għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru jeżerċita mingħajr impediment, ma' kull ġenitur, id-dritt li jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri, u li dan jinkludi d-dritt ta' kull ġenitur li jkollu dokument li jippermettilhom jivvjaġġaw mal-wild.

10 Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Mejju 1979, *Even*, C-207/78, ECLI:EU:C:1979:144 u tat-8 ta' Ġunju 1999, *Meeusen*, C-337/97, EU:ECLI:C:1999:284.

11 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ottubru 2003, *Carlos García Avello vs État belge*, Kawża C-148/02, ECLI:EU:C:2003:539; tal-14 ta' Ottubru 2008, *Grunkin-Paul*, Case C-353/06, ECLI:EU:C:2008:559; tat-8 ta' Ġunju 2017, *Freitag*, il-Kawża C-541/15, ECLI:EU:C:2017:432. Drittijiet oħra derivati mid-dritt tal-Unjoni huma, pereżempju, drittijiet relatati ma' boroż ta' studju, ammissjoni għall-edukazzjoni, tnaqqis fil-kostijiet tat-trasport pubbliku għal familji kbar, tnaqqis fin-nollijiet tal-istudenti għat-trasport pubbliku u tnaqqis fit-tariffi tad-dħul tal-mużewijiet. Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1974, *Casagrande vs Landeshauptstadt München*, C-9/74, ECLI:EU:C:1974:74; tas-27 ta' Settembru 1988, *Matteuci*, C-235/87, ECLI:EU:C:1988:460; tat-30 ta' Settembru 1975, *Cristini vs S.N.C.F.*, C-32/75, ECLI:EU:C:1975:120; u tal-4 ta' Ottubru 2012, *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, C-75/11, ECLI:EU:C:2012:605.

dritt tagħhom għall-moviment liberu minħabba l-biża' li l-istat ta' ġenitur tat-tfal tagħhom ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor għall-finijiet kollha.

Ir-**raġunijiet** għad-diffikultajiet kurrenti fir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur huma li l-Istati Membri għandhom regoli sostantivi differenti dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet domestiċi, li huma u se jibqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, iżda wkoll regoli differenti dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali u r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, li l-Unjoni għandha l-kompetenza li taġixxi fuqhom. Madankollu, illum il-ġurnata, l-istrumenti tal-Unjoni dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri, inkluż dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-manteniment, dwar is-suċċessjoni u dwar il-preżentazzjoni ta' dokumenti pubbliċi fi Stat Membru ieħor, ma jinkludux regoli dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali jew il-kunflitt tal-liġijiet għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri jew dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

L-ilmenti taċ-ċittadini, il-petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew u l-proċedimenti ġudizzjarji juru l-problemi li l-familji jiltaqgħu magħhom fir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tat-tfal tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri fl-Unjoni, inkluż meta jiċċaqalqu lejn Stat Membru ieħor jew jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom u jitolbu r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-finijiet kollha.

Sabiex jiġu indirizzati l-problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-finijiet kollha u biex jingħalaq id-distakk eżistenti fid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi l-adozzjoni ta' regoli tal-Unjoni dwar il-**ġurisdizzjoni** internazzjonali dwar l-istat ta' ġenitur (li jiddeterminaw liema qrati tal-Istat Membru huma kompetenti biex jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri) u **d-dritt applikabbli** (id-deżinjazzjoni tad-dritt nazzjonali li jenħtieġ li tapplika għal kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, inkluż għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur, f'sitwazzjonijiet transfruntieri), biex imbagħad jiġi ffaċilitat ir-**rikonoxximent** fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll il-ħolqien ta' **Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur** li t-tfal (jew ir-rappreżentanti legali tagħhom) jistgħu jitolbu u jużaw biex jipprovdu evidenza tal-istat ta' ġenitur tagħhom fi Stat Membru ieħor.

Minħabba li fid-dritt internazzjonali, fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġijiet tal-Istati Membri, it-tfal kollha għandhom l-istess drittijiet mingħajr diskriminazzjoni, il-proposta tkopri r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tat-tfal **irrispettivament minn kif il-wild ikun tnissel jew twieled u irrispettivament mit-tip ta' familja tal-wild.** Il-proposta għalhekk tinkludi r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur ta' wild b'ġenituri tal-istess sess kif ukoll ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur ta' wild adottat domestikament fi Stat Membru.

Madankollu, il-proposta **ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri** li jadottaw regoli sostantivi tad-dritt tal-familja bħar-regoli dwar id-definizzjoni tal-familja jew ir-regoli dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet domestiċi. Il-proposta lanqas ma taffettwa r-regoli tal-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent ta' żwiġijiet jew sħubijiet reġistrati konklużi barra mill-pajjiż.

Il-proposta tapplika **irrispettivament min-nazzjonalità** tat-tfal u min-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom. Madankollu, f'konformità mal-istrumenti eżistenti tal-Unjoni dwar kwistjonijiet ċivili (inkluża d-dritt tal-familja) u kummerċjali, il-proposta tirrikjedi biss ir-rikonoxximent jew l-aċċettazzjoni ta' dokumenti li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur jew jagħtu

prova tiegħu **maħruġa fi Stat Membru**, filwaqt li r-rikonoxximent jew l-aċċettazzjoni ta' dokumenti li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur jew jagħtu prova tiegħu maħruġa fi Stat terz se tkompli tkun irregolata mid-dritt nazzjonali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Illum, l-Istati Membri diġà huma obbligati mid-dritt eżistenti tal-Unjoni li jirrikonoxxu l-istat ta' ġenitur ta' wild kif stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tal-eżerċitar tad-drittijiet li l-wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-moviment liberu. Il-proposta ma taffettwax dak l-obbligu tal-Istati Membri. Madankollu, fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-drittijiet li wild jikseb mill-istat ta' ġenitur skont id-dritt nazzjonali, dawn il-kwistjonijiet bħalissa huma rregolati mid-dritt ta' kull Stat Membru.

L-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jirregolaw ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u tal-istrumenti awtentiċi f'diversi oqsma direttament rilevanti għat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri, bħar-responsabbiltà tal-ġenituri[12], il-manteniment[13] u s-suċċessjoni[14]. Madankollu, il-kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti. Min-naħa tiegħu, ir-Regolament dwar id-dokumenti pubbliċi[15] jindirizza l-awtentiċità tad-dokumenti pubbliċi f'ċerti oqsma, inkluż it-twelid, l-istat ta' ġenitur u l-adozzjoni, iżda ma jkoprix ir-rikonoxximent tal-kontenut ta' tali dokumenti pubbliċi. L-adozzjoni ta' regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor tkun **tikkomplementa** l-leġiżlazzjoni kurrenti tal-Unjoni dwar id-dritt tal-familja u s-suċċessjoni u **tiffaċilita l-applikazzjoni tagħha**, peress li l-istat ta' ġenitur ta' wild huwa kwistjoni preliminari li trid tiġi solvuta qabel ma jiġu applikati r-regoli eżistenti tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-manteniment u s-suċċessjoni fir-rigward tal-wild.

Peress li l-proposta għandha l-għan li tipproteġi d-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri, hija konsistenti mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li tipprevedi li l-Istati Partijiet jeħtiġilhom jiżguraw li l-wild ikun protett minn kull forma ta' diskriminazzjoni jew piena abbażi tal-istatus jew l-attivitajiet tal-ġenituri tal-wild (l-Artikolu 2); li, fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal, kemm jekk imwettqa minn qrati jew minn korpi leġiżlattivi, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja (l-Artikolu 3);

---

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU L 178, 2.7.2019, p. 1).

13 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1).

14 Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107).

15 Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1).

u li t-tfal għandhom id-dritt għal identità u li jiġu mħarsa mill-ġenituri tagħhom (l-Artikoli 7 u 8). Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li tipprevedi d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, u mal-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż fir-rigward tar-rikonoxximent ta' tfal imwielda permezz ta' maternità surrogata. Fl-aħħarnett, hija konsistenti wkoll mal-objettiv tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal stabbilit fit-**Trattat dwar l-Unjoni Ewropea** (l-Artikolu 3(3) u 3(5) tat-TUE) u l-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** ("il-Karta"). Il-Karta tiggarantixxi, fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tat-tfal u tal-familji tagħhom. Dawn id-drittijiet jinkludu d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja (l-Artikolu 7), id-dritt ta' nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21), u d-dritt tat-tfal li jżommu fuq bażi regolari relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri jekk dan ikun fl-aħjar interessi tagħhom (l-Artikolu 24). L-Artikolu 24(2) tal-Karta, li huwa bbażat fuq il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jipprevedi li, fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tibbaża ruħha fuq diversi inizjattivi ta' politika. Dawn jinkludu l-"Programm ta' Stokkolma tal-Kunsill Ewropew – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini"[16] tal-2010, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma[17], u l-*Green Paper* tal-2010 bit-titolu "Inqas burokrazija għaċ-ċittadini: il-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tad-dokumenti pubbliċi u r-rikonoxximent tal-effetti ta' atti tal-istat ċivili"[18]. Barra minn hekk, fl-2017, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tissottometti proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent transfruntier tad-digrieti ta' adozzjoni[19].

Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret miżuri[20] biex tiżgura li l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha. Din l-inizjattiva ġiet inkluża fl-Istrateġija tal-UE tal-2021 dwar id-drittijiet tat-tfal[21] bħala azzjoni ewlenija biex tappoġġa l-ugwaljanza u d-drittijiet tat-tfal kif ukoll fl-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza tal-LGBTIQ tal-2020[22]. Il-Parlament Ewropew laqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni fir-Riżoluzzjoni tagħha tal-2022 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja[23].

---

16 ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

17 COM(2010) 171 final.

18 COM(2010) 747 final.

19 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-aspetti transfruntieri tal-adozzjonijiet (2015/2086(INL)).

20 Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President von der Leyen fil-Plenarja tal-Parlament Ewropew, l-20 ta' Settembru 2020. Il-President qalet li "Jekk int ġenitur f'pajjiż wieħed, int ġenitur f'kull pajjiż".

21 L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM/2021/142 final.

22 Unjoni ta' Ugwaljanza: L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698 final.

23 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja (2021/2060(INI)). L-inizjattiva ntlaqgħet ukoll

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[24] jissottolinjaw li d-drittijiet tat-tfal huma universali, li kull wild igawdi l-istess drittijiet mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip u li l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati. Dan neċessarjament jinvolvi l-istabbiliment ta' qafas legali b'regoli uniformi dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri li jippermettu lit-tfal igawdu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni mingħajr diskriminazzjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Skont it-Trattati tal-Unjoni, id-dritt sostantiva dwar kwistjonijiet tal-familja, inkluż l-istatus legali tal-persuni, taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri, li jfisser li r-regoli sostantivi għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur ta' persuna huma stabbiliti fid-dritt nazzjonali. Madankollu, l-Unjoni tista' tadotta miżuri li jikkonċernaw id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri skont l-Artikolu 81(3) tat-TFUE, bħal miżuri li jiffaċilitaw li, ladarba jkun ġie stabbilit l-istat ta' ġenitur fi Stat Membru, dan ikun rikonoxxut fi Stati Membri oħra. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-adozzjoni ta' regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali, id-dritt applikabbli u l-proċeduri għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor. Dawn il-miżuri mhux se jwasslu għall-armonizzazzjoni tad-dritt sostantiv tal-Istati Membri dwar id-definizzjoni tal-familja jew dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet domestiċi.

Bħal strumenti oħra tal-Unjoni dwar id-dritt tal-familja, il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita r-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u tal-istrumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur permezz tal-adozzjoni ta' regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli. Il-proposta għandha l-għan li tirrikjedi r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-finijiet, b'mod partikolari, tad-drittijiet derivati mill-istat ta' ġenitur skont id-dritt nazzjonali. Għalhekk, l-Artikolu 81(3) tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika xierqa.

Minħabba l-Protokoll Nru 22 tat-TFUE, il-miżuri legali adottati fil-qasam tal-ġustizzja ma jorbtux jew ma japplikawx fid-Danimarka. Permezz tal-Protokoll Nru 21 tat-TFUE, l-Irlanda lanqas ma hija marbuta b'tali miżuri. Madankollu, ladarba proposta tiġi ppreżentata f'dan il-qasam, l-Irlanda tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tal-miżura u, ladarba l-miżura tiġi adottata, tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li taċċetta din il-miżura.

### • Sussidjarjetà

Billi huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu regoli dwar id-definizzjoni tal-familja u dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur, il-kompetenza ta' adozzjoni ta' miżuri dwar id-dritt tal-familja u d-drittijiet tat-tfal b'implikazzjonijiet transfruntieri hija kondiviża bejn l-Unjoni u

fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2021 dwar id-drittijiet tal-LGBTIQ fl-UE (2021/2679(RSP)).

[24] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, id-9 ta' Ġunju 2022, 10024/22.

l-Istati Membri[25]. Il-problemi bir-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' drittijiet derivati mid-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni għandhom dimensjoni tal-Unjoni peress li r-rikonoxximent jirrikjedi l-involviment ta' żewġ Stati Membri. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għandhom ukoll dimensjoni tal-Unjoni, peress li l-familji jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu minħabba l-biża' li l-istat ta' ġenitur tal-wild tagħhom ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor għall-finijiet kollha.

Il-problemi fir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jirriżultaw b'mod partikolari mir-regoli sostantivi tal-Istati Membri differenti għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur u r-regoli differenti tal-Istati Membri dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri. L-Istati Membri li jaġixxu individwalment ma setgħux ineħħu b'mod sodisfaċenti l-problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur peress li r-regoli u l-proċeduri tal-Istati Membri jkollhom ikunu l-istess jew tal-anqas kompatibbli biex l-istat ta' ġenitur jiġi rikonoxxut bejn l-Istati Membri. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li Stat Membru li l-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra tiegħu jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri jitqies li għandu ġuriżdizzjoni biex jagħmel dan, u li l-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri kollha japplikaw l-istess liġi biex jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri. B'dan il-mod, jiġu evitati stati ta' ġenitur kunfliġġenti fl-Unjoni għall-istess persuna u kull Stat Membru jirrikonoxxi l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor.

Għalhekk, l-objettivi ta' din il-proposta, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni u l-effetti tagħha, jintlaħqu bl-aħjar mod fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiffaċilita r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri billi tipprevedi r-rikonoxximent ta' (i) deċiżjonijiet ġudizzjarji u (ii) strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti, u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi li ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru. Għal dak il-għan, il-proposta tarmonizza r-regoli tal-Istati Membri dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u r-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet tal-Istati Membri li jiddeżinjaw id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha: ma tinterferixxix mad-dritt nazzjonali sostantiv dwar id-definizzjoni ta' familja; ma taffettwax id-dritt nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta' żwiġijiet jew sħubijiet reġistrati konklużi barra mill-pajjiż; ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli japplikaw biss għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri; dan jirrikjedi li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-istat ta' ġenitur biss meta jkun ġie stabbilit fi Stat Membru u mhux meta jkun ġie stabbilit fi Stat terz; ma taffettwax il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur; u ċ-ċertifikat Ewropew tal-istat ta' ġenitur ma huwiex obbligatorju għat-tfal (jew ir-rappreżentanti legali tagħhom) u mhux se jissostitwixxi dokumenti nazzjonali ekwivalenti li jipprovdu evidenza tal-istat ta' ġenitur.

---

25 L-Artikolu 4(2)(j) tat-TFUE.

Għalhekk il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Għażla tal-istrument**

L-adozzjoni ta' regoli uniformi dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri tista' tinkiseb biss permezz ta' Regolament peress li Regolament biss jiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni kompletament konsistenti tar-regoli. F'konformità ma' strumenti preċedenti tal-Unjoni dwar id-dritt internazzjonali privat, l-istrument legali preferut għalhekk huwa Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fit-tħejjija tal-proposta, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet estensivi fl-2021 u fl-2022 li jkopru l-Istati Membri kollha (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka[26]). Il-konsultazzjonijiet kellhom fil-mira firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw liċ-ċittadini, lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-akkademiċi, lill-professjonisti legali, lill-NGOs u lil gruppi ta' interess rilevanti oħra. Il-konsultazzjonijiet kienu jikkonsistu fi (i) rispons pubbliku għall-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu; (ii) konsultazzjoni pubblika miftuħa; (iii) laqgħa mal-partijiet ikkonċernati u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; u (iv) laqgħa ma' esperti tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Minbarra l-attivitajiet ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni, saru konsultazzjonijiet minn kuntrattur estern. Dawn kienu jikkonsistu fi (i) stħarriġ online indirizzat lir-reġistraturi ċivili tal-Istati Membri; (ii) kwestjonarji bil-miktub lill-ministeri tal-Istati Membri u lill-ġudikatura; u (iii) intervisti mal-ġudikatura u mal-NGOs tal-Istati Membri.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw id-drittijiet tat-tfal, il-familji qawsalla, l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u r-reġistraturi ċivili ffavorixxew li l-Unjoni jenħtieġ li tindirizza l-problemi kurrenti bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur billi tadotta leġiżlazzjoni vinkolanti. B'kuntrast ma' dan, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-familji tradizzjonali u dawk li jargumentaw kontra l-maternità surrogata kienu ġeneralment kritiċi fir-rigward ta' proposta leġiżlattiva. L-opinjonijiet tal-pubbliku varjaw.

Il-feedback li wasal informa t-tħejjija tal-proposta u tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Sommarju dettaljat tar-riżultat tal-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni huwa inkluż fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Minbarra l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ġabret u użat ukoll għarfien espert minn sorsi oħra.

Fit-tħejjija tal-proposta, il-Kummissjoni fittxet l-għarfien espert tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, li hija stabbiliet fl-2021. Il-

[26] F'konformità mal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattati, id-Danimarka ma tiħux sehem fil-miżuri adottati skont l-Artikolu 81 tat-TFUE.

Kummissjoni pparteċipat ukoll f'laqgħat tal-esperti dwar il-Proġett dwar il-Filjazzjoni / Maternità surrogata tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u kkonsultat il-letteratura akkademika, ir-rapporti u l-istudji.

Għat-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq studju mwettaq minn kuntrattur estern. Il-kuntrattur estern ipproduċa wkoll rapporti tal-pajjiżi dwar, fost l-oħrajn, id-dritt sostantiv tal-Istati Membri u d-dritt internazzjonali privat dwar l-istat ta' ġenitur. L-istudju tal-kuntrattur uża għodod differenti biex janalizza l-problemi eżistenti bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, l-impatti ta' din il-proposta u l-għażliet ta' politika kkunsidrati. Dawn l-għodod kienu jinkludu l-użu ta' *data* empirika miġbura b'modi differenti (intervisti, kwestjonarji, rapporti nazzjonali), kif ukoll statistika u riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni. Meta ma kinitx disponibbli *data* kwantitattiva, intużaw stimi kwalitattivi. L-istudju mill-kuntrattur estern ikkonkluda li l-aktar għażla xierqa għall-Unjoni biex tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha tkun l-adozzjoni ta' strument leġiżlattiv dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, inkluż il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Abbażi tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni aħjar[27] u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, il-Kummissjoni ħejjiet valutazzjoni tal-impatt tal-proposta. Fil-valutazzjoni tal-impatt, ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin: (i) ix-xenarju bażi; (ii) rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni indirizzata lill-Istati Membri; (iii) miżuri leġiżlattivi li jikkonsistu f'regolament dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri; u (iv) miżuri leġiżlattivi li jikkonsistu f'regolament dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri inkluż il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fakultattiv. Dawn l-għażliet ta' politika kollha, inkluż ix-xenarju bażi, ikunu akkumpanjati minn ċerti miżuri mhux leġiżlattivi biex titqajjem kuxjenza, jiġu promossi prattiki tajbin u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur.

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat kull waħda minn dawn l-opzjonijiet fir-rigward tal-impatti mistennija tagħhom u l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom mal-qafas ġuridiku u ta' politika tal-Unjoni. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, l-opzjoni li tikkonsisti fi proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri inkluż il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fakultattiv kienet l-għażla politika magħżula.

Il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li l-opzjoni magħżula tiffaċilita b'mod sinifikanti r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għaż-żewġ miljun tifel u tifla stmati ta' familji transfruntieri <u>*kollha*</u> u mhux biss għal dawk li bħalissa jiffaċċjaw l-aktar problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur. B'mod partikolari, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, imfassal speċifikament għall-użu fi Stat Membru ieħor, għandu jnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċeduri ta' rikonoxximent u l-kostijiet tat-traduzzjoni għall-familji kollha.

L-għażla ta' politika magħżula tkun ukoll l-aktar waħda effettiva fl-indirizzar tal-problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, peress li l-impatti legali, soċjali u psikoloġiċi pożittivi jkunu l-aktar sinifikanti. L-għażla magħżula jkollha impatt pożittiv ċar fuq il-protezzjoni *tad-*

[27] SWD(2021) 305 final.

*drittijiet fundamentali tat-tfal* , bħad-dritt tagħhom għall-identità, għan-nondiskriminazzjoni u għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja. Tkun ukoll l-aktar effettiva fil-protezzjoni tad-*drittijiet li t-tfal jiksbu mill-istat ta' ġenitur skont id-dritt nazzjonali*, bħad-dritt tagħhom għall-manteniment u s-suċċessjoni fi Stat Membru ieħor. Fl-aħħar mill-aħħar ikollha wkoll *impatt soċjali u psikoloġiku* pożittiv, peress li dan iwassal biex it-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri jiġu ttrattati bħat-tfal lokali.

Permezz tal-adozzjoni ta' regoli uniformi tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli u r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur mingħajr ma tkun meħtieġa ebda proċedura speċifika, l-opzjoni magħżula tneħħi l-kostijiet u l-piż marbuta mal-proċeduri amministrattivi u mal-proċedimenti legali li t-tfal u l-familji tagħhom bħalissa jeħtiġilhom iġarrbu biex l-istat ta' ġenitur tagħhom jiġi rikonoxxut fi Stat Membru ieħor. Ġie stmat li l-kostijiet medji għal kull każ ta' proċeduri ta' rikonoxximent jonqsu b'71 % taħt l-opzjoni magħżula, u b'90 % għall-familji li bħalissa jiffaċċjaw l-aktar problemi serji bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur.

L-opzjoni magħżula min-naħa tagħha twassal għal iffrankar sinifikanti f'termini ta' kostijiet, ħin u piż għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Huwa stmat li, skont l-għażla magħżula, il-kostijiet għall-proċeduri ta' rikonoxximent imġarrba mill-awtoritajiet pubbliċi jonqsu b'54 %.

- **Drittijiet fundamentali**

Kif spjegat hawn fuq, il-problemi kurrenti bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jwasslu għal sitwazzjonijiet li jiksru d-drittijiet fundamentali u drittijiet oħra tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Li t-tfal jiġu mċaħħda mill-istatus legali tagħhom u mill-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor imur kontra d-drittijiet fundamentali tat-tfal għall-identità, għan-nondiskriminazzjoni u għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, kif ukoll kontra l-aħjar interessi tagħhom. Billi tiffaċilita r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, il-proposta għandha l-għan li tipproteġi d-drittijiet fundamentali tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri u li tiżgura l-kontinwità tal-istatus tal-istat ta' ġenitur fl-Unjoni.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Istati Membri jistgħu jġarrbu kostijiet ta' darba biex jaġġustaw għar-regoli l-ġodda tar-Regolament, b'mod partikolari l-kostijiet li jirriżultaw mill-ħtieġa li l-imħallfin, ir-reġistraturi ċivili u awtoritajiet kompetenti oħra jiġu mħarrġa dwar ir-regoli l-ġodda. Jistgħu jkunu mistennija kostijiet rikorrenti żgħar għat-taħriġ kontinwu ta' dawk l-awtoritajiet. L-ebda wieħed minn dawn il-kostijiet ma huwa mistenni li jkun sinifikanti u fi kwalunkwe każ jiġi megħlub mill-kisbiet fl-effiċjenza u mill-iffrankar fil-kostijiet li jirriżultaw mir-Regolament.

Id-dispożizzjonijiet fil-proposta dwar il-komunikazzjoni diġitali permezz tal-punt Ewropew ta' aċċess elettroniku fil-kuntest tas-sistema tal-IT deċentralizzata stabbilita mir-Regolament (UE) XX/YYYY [ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni] ikollhom impatt fuq il-baġit tal-Unjoni li jista' jiġi kopert permezz ta' riallokazzjoni fil-Programm dwar il-Ġustizzja. Dan l-impatt ikun żgħir minħabba li s-sistema tal-IT deċentralizzata ma tkunx teħtieġ li tiġi stabbilita speċifikament għall-applikazzjoni tal-proposta iżda tiġi żviluppata għal ħafna strumenti tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali [ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni].

L-Istati Membri għandhom iġarrbu wkoll xi kostijiet biex jinstallaw u jżommu l-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT deċentralizzata li jinsabu fit-territorju tagħhom u biex jaġġustaw is-

sistemi tal-IT nazzjonali tagħhom biex jagħmluhom interoperabbli mal-punti ta' aċċess. Madankollu, kif ġie osservat, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-investimenti finanzjarji kienu diġà saru fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni ta' strumenti oħra tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Barra minn hekk, l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw għal għotjiet biex jiffinanzjaw dawn il-kostijiet skont il-programmi finanzjarji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Programm dwar il-Ġustizzja.

## 5. ELEMENTI OĦRA

• **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha u għalhekk ma għandux għalfejn jiġi implimentat fid-dritt nazzjonali.

Fil-proposta huma previsti obbligi xierqa ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar. L-ewwel nett, l-applikazzjoni prattika tar-Regolament tiġi mmonitorjata permezz ta' laqgħat regolari tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali li jlaqqgħu flimkien esperti mill-Istati Membri. Barra minn hekk, evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni tar-Regolament titwettaq mill-Kummissjoni ħames snin wara li r-Regolament isir applikabbli. L-evalwazzjoni ssir abbażi ta', fost l-oħrajn, il-kontribut riċevut mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, mill-esperti esterni u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

• **Spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tikkonsisti f'disa' Kapitoli: (i) is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet; (ii) il-ġuriżdizzjoni dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri; (iii) id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri; (iv) ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti u ta' strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti maħruġa fi Stat Membru ieħor; (v) l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi mingħajr effett legali vinkolanti maħruġa fi Stat Membru ieħor; (vi) iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur; (vii) il-komunikazzjoni diġitali; (viii) l-atti delegati; u (ix) id-dispożizzjonijiet ġenerali u finali.

**Kapitolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

L-**Artikolu 1** jistabbilixxi s-suġġett tal-proposta. Il-proposta għandha l-intenzjoni li tilħaq l-għan tagħha li tiffaċilita r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor permezz tal-adozzjoni ta' regoli uniformi dwar (i) il-ġuriżdizzjoni internazzjonali għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; (ii) id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; (iii) ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti kif ukoll ta' strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti; (iv) l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi mingħajr effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda b'effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru; u (v) il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fakultattiv li jippermetti lil wild jew rappreżentant legali jipprovdu evidenza tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor.

L-istat ta' ġenitur tipikament tiġi stabbilita *ex lege* jew permezz ta' att ta' awtorità kompetenti, bħal deċiżjoni tal-qorti, deċiżjoni minn awtorità amministrattiva jew att notarili, li warajha l-istat ta' ġenitur tipikament tiġi rreġistrata fir-reġistru ċivili jew tal-popolazzjoni tal-Istat

Membru. Madankollu, iċ-ċittadini ta' spiss jitolbu r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor abbażi ta' strument awtentiku li ma jistabbilixix l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti iżda li għandu effetti evidenzjarji tal-istat ta' ġenitur li qabel kienet stabbilita f'dak l-Istat Membru b'mezzi oħra (*ex lege* jew permezz ta' att ta' awtorità kompetenti). Tali strumenti awtentiċi jistgħu jkunu, pereżempju, estratt mir-reġistru ċivili jew ċertifikat tat-twelid jew tal-istat ta' ġenitur. Ir-regoli uniformi fil-proposta dwar id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi mingħajr effett legali vinkolanti iżda b'effetti evidenzjarji fl-Istat Membru ta' oriġini jew tal-ġenitur li kien stabbilit qabel f'dak l-Istat Membru (pereżempju, ċertifikat tat-twelid) jew ta' fatti għajr l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur (pereżempju, rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jew l-għoti ta' kunsens għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur).

**L-Artikolu 2** dwar ir-relazzjoni tal-proposta ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jiċċara li l-proposta jenħtieġ li ma taffettwax id-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-drittijiet skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE[28]. Il-proposta ma għandhiex l-intenzjoni li tipprevedi xi kundizzjoni jew rekwiżit addizzjonali dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-eżerċizzju tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni, jew li taffettwa l-implimentazzjoni ta' tali regoli. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu se jkompli japplika mingħajr ma jiġi affettwat. B'mod partikolari, ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-eżerċizzju tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni jista' jiġi rrifjutat biss għal raġunijiet permessi previsti fid-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, abbażi tad-dritt kurrenti tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata miegħu kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni biex jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent tal-filjazzjoni bejn tfal u l-ġenituri tagħhom tal-istess sess għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li l-wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni, il-prova tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz[29]. Stat Membru għalhekk ma huwiex intitolat li jirrikjedi li persuna tippreżenta l-attestazzjoni prevista fil-proposta li takkumpanja deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħluq mill-proposta, meta l-persuna tfittex ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-finijiet tad-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu. Madankollu, dan ma għandux jipprevjeni lil persuna milli tagħżel li tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur.

L-Artikolu 2 jiċċara wkoll li l-proposta mhux se taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament dwar id-Dokumenti Pubbliċi[30], li diġà jissimplifika ċ-ċirkolazzjoni tad-dokumenti pubbliċi

---

28 Id-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni jinkludu d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fl-Unjoni, inklużi d-drittijiet relatati ma' boroż ta' studju, ammissjoni għall-edukazzjoni, tnaqqis fil-kostijiet tat-trasport pubbliku għal familji kbar, tnaqqis fit-tariffi tal-istudenti għat-trasport pubbliku u tnaqqis fit-tariffi tad-dħul tal-mużewijiet, kif ukoll id-dritt għar-rikonoxximent tal-isem.

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, C-459/99, *MRAX*, ECLI:EU:C:2002:461, il-punti 61 u 62; u tas-17 ta' Frar 2005, C-215/03, *Oulane*, ECLI:EU:C:2005:95, il-punti 23 sa 26.

30 Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-

(bħal sentenzi, atti notarili u ċertifikati amministrattivi) f'ċerti oqsma, inklużi t-twelid, l-istat ta' ġenitur u l-adozzjoni, fir-rigward tal-awtentiċità tagħhom.

**L-Artikolu 3** jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli japplikaw meta l-istat ta' ġenitur jkollu jiġi stabbilit fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Ir-regoli dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur japplikaw meta l-istat ta' ġenitur li għandu jiġi rikonoxxut ikun ġie stabbilit fi Stat Membru, u għalhekk il-proposta ma tkoprix ir-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni, ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u ta' strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur jew jagħtu prova tiegħu, imfassla jew irreġistrati fi Stat terz. F'dawn il-każijiet, ir-rikonoxximent jew l-aċċettazzjoni tibqa' soġġetta għad-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru. Madankollu, il-proposta tapplika għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tat-tfal kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u min-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom, sakemm l-istat ta' ġenitur tagħhom ikun ġie stabbilit fi Stat Membru u mhux fi Stat terz.

Kwistjonijiet li jista' jkollhom rabta mal-istat ta' ġenitur ta' wild iżda li huma rregolati minn strumenti oħra tal-Unjoni jew internazzjonali jew mid-dritt nazzjonali huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, bħal kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri, iż-żamma, is-suċċessjoni, l-adozzjoni bejn il-pajjiżi, l-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent taż-żwieġ jew tas-sħubija reġistrata tal-ġenituri tal-wild u l-effetti tar-reġistrazzjoni jew tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur tal-wild fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru. Madankollu, billi ssolvi l-istat ta' ġenitur tat-tfal bħala kwistjoni preliminari, il-proposta tiffaċilita l-applikazzjoni ta' strumenti eżistenti tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-manteniment u s-suċċessjoni fir-rigward tat-tfal. Il-proposta lanqas ma tittratta d-drittijiet u l-obbligi derivati mill-istat ta' ġenitur skont id-dritt nazzjonali, pereżempju n-nazzjonalità u l-isem tat-tfal.

**L-Artikolu 4** jiddefinixxi, għall-finijiet tal-proposta, it-termini "ġenitur", "wild", "stabbiliment ta' tal-istat ta' ġenitur", "qorti" u "deċiżjoni tal-qorti", "strument awtentiku", "Stat Membru ta' oriġini", "sistema tal-IT deċentralizzata" u "punt ta' aċċess elettroniku Ewropew".

– **Wild** huwa definit b'mod wiesa' u jinkludi persuna ta' kwalunkwe età li l-istat ta' ġenitur tagħha għandu jiġi stabbilit, rikonoxxut jew evidenzjat. Peress li l-istatus tal-istat ta' ġenitur huwa rilevanti matul il-ħajja ta' persuna, il-proposta tapplika għall-ulied ta' kwalunkwe età, jiġifieri, kemm il-minorenni kif ukoll l-adulti. Madankollu, l-aħjar interessi tal-wild u d-dritt li jinstema' jridu jinftiehmu bħala li jirreferu għall-wild kif definit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jiġifieri, bħala persuna taħt l-età ta' 18-il sena, sakemm l-età maġġuri ma tinkisibx qabel skont id-dritt applikabbli għall-wild.

– **L-istat ta' ġenitur**, li jsir riferiment għalih wkoll bħala filjazzjoni, tfisser il-filjazzjoni stabbilita fid-dritt, inkluż l-istatus legali li wieħed ikun wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari. Għall-finijiet tal-proposta, l-istat ta' ġenitur jista' jkun bijoloġiku, ġenetiku, bl-adozzjoni jew *ex lege*. Kif innotat, il-proposta tkopri l-istat ta' ġenitur stabbilita fi Stat Membru kemm tal-minorenni kif ukoll tal-adulti, inkluż wild mejjet u wild li għadu ma twelidx, kemm jekk lil ġenitur waħdu, koppja *de*

preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1).

*facto*, koppja miżżewġa jew koppja fi sħubija rreġistrata. Din tkopri r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur ta' wild irrispettivament minn kif il-wild ikun tnissel jew twieled - u b'hekk tinkludi tfal imnissla b'teknoloġija riproduttiva assistita - u irrispettivament mit-tip ta' familja tal-wild - u b'hekk tinkludi tfal b'żewġ ġenituri tal-istess sess, tfal b'ġenitur wieħed, u tfal adottati domestikament fi Stat Membru minn ġenitur wieħed jew tnejn.

– L-**istabbiliment tal-istat ta' ġenitur** tfisser id-determinazzjoni fid-dritt tar-relazzjoni bejn wild u kull ġenitur, inkluż l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur wara talba li tikkontesta l-istat ta' ġenitur diġà stabbilit. Meta rilevanti, dan it-terminu jista' jinkludi wkoll l-estinzjoni jew it-terminazzjoni tal-istat ta' ġenitur. Il-proposta ma tapplikax għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet domestiċi mingħajr ebda element transfruntier, bħal adozzjoni domestika fi Stat Membru, għalkemm tapplika għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit f'sitwazzjonijiet domestiċi bħal dawn fi Stat Membru.

– **L-istrumenti awtentiċi** huma definiti b'mod wiesa', bħal f'regolamenti oħra tal-Unjoni dwar il-ġustizzja ċivili. Għalhekk, l-istrumenti awtentiċi skont il-proposta jinkludu (i) dokumenti li jistabbilixxu l-istat tal-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti, bħal atti notarili (pereżempju, fl-adozzjoni jew fejn il-wild jkun għadu ma twelidx), jew deċiżjonijiet amministrattivi (pereżempju, wara rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur), kif ukoll (ii) dokumenti li ma jistabbilixxux istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti iżda li jipprovdu evidenza tal-istat ta' ġenitur stabbilita b'mezzi oħra (pereżempju, estratt minn reġistru tal-popolazzjoni jew tal-istat ċivili, ċertifikat tat-twelid jew ċertifikat tal-istat ta' ġenitur) jew evidenza ta' fatti oħra (pereżempju, att notarili jew dokument amministrattiv li jirreġistra rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jew l-għoti ta' kunsens għall-użu ta' teknoloġija riproduttiva assistita).

**L-Artikolu 5** jiċċara li l-proposta mhux se taffettwa l-kwistjoni ta' liema awtoritajiet f'kull Stat Membru huma kompetenti biex jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur (pereżempju, qrati, awtoritajiet amministrattivi, nutara, reġistraturi u/jew awtoritajiet oħra).

**Kapitolu II - Ġuriżdizzjoni**

Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u ta' strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur, il-proposta tistabbilixxi regoli ta' ġuriżdizzjoni uniformi dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur b'element transfruntier. Ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni jevitaw ukoll proċedimenti paralleli fi Stati Membri differenti b'deċiżjonijiet possibbilment kunfliġġenti. Minħabba li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-drittijiet dwar l-istat ta' ġenitur ma jistgħux jiġu riżolti jew irrinunzjati, il-proposta ma tipprevedix l-awtonomija tal-partijiet fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni (bħall-għażla tal-qorti jew it-trasferiment tal-ġuriżdizzjoni).

Il-proposta tipprevedi raġunijiet alternattivi ta' ġuriżdizzjoni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja fi Stat Membru. Sabiex jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jaċċessaw qorti li tinsab fil-viċinanza tagħhom, il-bażijiet ta' ġuriżdizzjoni huma bbażati fuq il-prossimità mal-wild. Għalhekk, il-ġuriżdizzjoni tista' tkun alternattivament tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-wild, tan-nazzjonalità tal-wild, tar-residenza abitwali tal-intimat (pereżempju, il-persuna li fir-rigward tagħha l-wild jasserixxi l-istat ta' ġenitur), tar-residenza abitwali ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, tan-nazzjonalità ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri jew tat-twelid tal-wild. F'konformità mal-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni, ir-

residenza abitwali hija stabbilita abbażi taċ-ċirkostanzi kollha speċifiċi għal kull każ individwali.

Meta l-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet ġenerali ta' ġuriżdizzjoni alternattiva, il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun preżenti l-wild għandu jkollhom ġuriżdizzjoni. Din il-bażi ta' ġuriżdizzjoni tista' tapplika b'mod partikolari għat-tfal refuġjati u t-tfal spostati internazzjonalment. Fejn l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont din il-proposta, il-ġuriżdizzjoni residwa għandha tiġi ddeterminata, f'kull Stat Membru, mil-liġijiet ta' dak l-Istat Membru. Fl-aħħar nett, biex jiġu rrimedjati sitwazzjonijiet ta' ċaħda tal-ġustizzja, din il-proposta tipprevedi wkoll *forum necessitatis* li jippermetti qorti ta' Stat Membru li miegħu kawża jkollha konnessjoni suffiċjenti biex tiddeċiedi dwar kwistjoni tal-istat ta' ġenitur li tkun marbuta mill-qrib ma' Stat terz. Dan jista' jsir fuq bażi eċċezzjonali, bħal meta l-proċedimenti jkunu impossibbli f'dak l-Istat terz, pereżempju minħabba gwerra ċivili, jew meta l-wild jew parti interessata oħra ma jkunux jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jressqu proċedimenti f'dak l-Istat terz.

Il-proposta tfakkar ukoll id-dritt tat-tfal taħt l-età ta' 18-il sena li jkunu kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom li jiġu pprovduti b'opportunità li jesprimu dawn il-fehmiet fi proċedimenti dwar l-istat ta' ġenitur li għalih huma soġġetti t-tfal.

**Kapitolu III - Id-dritt applikabbli**

Il-proposta għandha tipprevedi ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali billi tipproponi regoli komuni dwar id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Tali regoli komuni għandhom l-għan li jevitaw deċiżjonijiet kunfliġġenti dwar l-istat ta' ġenitur skont liema qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur. Huma għandhom l-għan ukoll li jiffaċilitaw, b'mod partikolari, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi li ma jistabbilixxux l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru.

Id-dritt deżinjat bħala applikabbli mill-proposta għandu karattru universali, jiġifieri , japplika kemm jekk huwa d-dritt ta' Stat Membru jew id-dritt ta' Stat terz. Bħala regola, id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur għandu jkun id-dritt tal-Istat tar-residenza abitwali tal-persuna li twelled fil-mument tat-twelid. Madankollu, biex jiġi żgurat li d-dritt applikabbli jkun jista' jiġi ddeterminat fiċ-ċirkostanzi kollha, fejn ir-residenza abitwali tal-persuna li tkun qiegħda twelled fil-ħin tat-twelid ma tkunx tista' tiġi stabbilita (pereżempju, fil-każ ta' rifuġjat jew ta' omm spostata internazzjonalment), għandu japplika d-dritt tal-Istat tat-twelid tal-wild.

Sabiex jiġu indirizzati l-aktar problemi frekwenti bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur li jseħħu llum, b'eċċezzjoni għar-regola msemmija hawn fuq, fejn dik ir-regola tirriżulta fl-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' ġenitur wieħed biss (tipikament il-ġenitur ġenetiku f'koppja tal-istess sess), l-awtoritajiet ta' Stat Membru b'ġuriżdizzjoni fuq kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur fl-ambitu tal-proposta jistgħu japplikaw waħda minn żewġ regoli alternattivi sussidjarji, jew id-dritt tan-nazzjonalità ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri jew id-dritt tal-Istat tat-twelid tal-wild, biex jiġi stabbilit l-istat ta' ġenitur fir-rigward tat-tieni ġenitur (tipikament il-ġenitur mhux ġenetiku f'koppja tal-istess sess). Din il-possibbiltà tista' tintuża minn awtoritajiet b'ġuriżdizzjoni li jikkunsidraw l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur għall-ewwel darba iżda wkoll minn awtoritajiet b'ġuriżdizzjoni f'sitwazzjoni li fihom l-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor ikunu diġà stabbilew stat ta' ġenitur fir-rigward ta' ġenitur

wieħed biss. Meta deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fir-rigward ta' kull wieħed mill-ġenituri f'konformità ma' wieħed mid-drittijiet applikabbli deżinjati mill-proposta ikun ingħata, tfassal jew ġie rreġistrata minn qorti jew awtorità kompetenti oħra ta' Stat Membru b'ġuriżdizzjoni skont il-proposta, kull wieħed minn dawn id-dokumenti li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' kull wieħed mill-ġenituri għandu jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha f'konformità mar-regoli dwar ir-rikonoxximent stabbiliti fil-proposta. Barra minn hekk, il-wild (jew rappreżentant legali) jista' jitlob u jiżża Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur biex jipprovdi evidenza tal-istat ta' ġenitur fir-rigward taż-żewġ ġenituri fi Stat Membru ieħor.

F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku għandhom jippermettu lill-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri, li jinjoraw ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi barranija fejn, f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, tali awtoritajiet ma għandhomx ikunu jistgħu japplikaw din l-eċċezzjoni biex iwarrbu d-dritt ta' Stat ieħor meta dan ikun imur kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni. Għalhekk, din l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika għar-rifjut tal-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' Stat ieħor li tipprevedi l-possibbiltà tal-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' żewġ ġenituri f'koppja tal-istess sess sempliċiment minħabba li l-ġenituri huma tal-istess sess.

**Kapitolu IV - Rikonoxximent**

Dan il-Kapitolu jipprevedi regoli dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u ta' strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti maħruġa fi Stat Membru ieħor.

Ir-rikonoxximent fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fi Stat Membru ieħor, u ta' strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini, għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka fis-sistema tal-ġustizzja ta' xulxin. Din il-fiduċja għandha tissaħħaħ aktar permezz tal-adozzjoni ta' regoli uniformi dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u dwar id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-istrumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti maħruġa fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura speċjali, inkluż li jiġu aġġornati r-rekords tal-istat ċivili tal-wild. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li parti interessata tista' tibda proċedimenti ġudizzjarji biex tikseb deċiżjoni li ssib li ma hemm l-ebda bażi għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jew proċedimenti għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur.

Parti li tixtieq tinvoka deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fi Stat Membru ieħor għandha tipproduċi kopja tad-deċiżjoni tal-qorti jew tal-istrument awtentiku u tal-attestazzjoni rilevanti. L-attestazzjonijiet għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-leġġibilità tad-dokumenti li jakkumpanjaw u b'hekk jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tagħhom. Fir-rigward tal-istrumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti, l-attestazzjoni sservi wkoll biex turi li l-Istat Membru li l-awtorità tiegħu tkun ħarġet l-istrument awtentiku kellu l-ġuriżdizzjoni li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur skont il-proposta.

L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn jiġi invokat l-istat ta' ġenitur ma humiex intitolati li jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' attestazzjoni li takkumpanja deċiżjoni tal-qorti jew strument

awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti jew Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fejn l-istat ta' ġenitur jiġi invokat għall-finijiet tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni, inkluż id-dritt għal moviment liberu. Madankollu, dan ma għandux jipprevjeni lil persuna milli tagħżel li tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur.

Skont il-proposta, il-lista ta' bażijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur hija eżawrjenti f'konformità mal-għan sottostanti tagħha li tiffaċilita r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur. Meta jivvalutaw rifjut possibbli tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur abbażi tal-ordni pubbliku, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw l-interessi tal-wild, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-drittijiet tal-wild, inkluża l-preservazzjoni ta' rabtiet familjari ġenwini bejn il-wild u l-ġenituri. Il-bażi għar-rifjut ta' rikonoxximent ibbażata fuq l-ordni pubbliku għandha tintuża b'mod eċċezzjonali u fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, jiġifieri, mhux b'mod astratt biex jitwarrab ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur ta' wild fejn, pereżempju, ikunu involuti ġenituri tal-istess sess. F'każ partikolari, tali rikonoxximent ikollu jkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoxximent minħabba li, pereżempju, id-drittijiet fundamentali ta' persuna jkunu nkisru fit-tnissil, fit-twelid jew fl-adozzjoni tal-wild jew fl-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur tal-wild. Il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti oħra ma għandhomx ikunu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku maħruġ fi Stat Membru ieħor fejn dan ir-rifjut ikun imur kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni, inkluż tat-tfal. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutaw, minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur permezz tal-adozzjoni minn raġel waħdu, jew li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' żewġ ġenituri f'koppja tal-istess sess sempliċiment minħabba li l-ġenituri huma tal-istess sess.

Il-proposta mhux se taffettwa l-limitazzjonijiet imposti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-użu tal-ordni pubbliku biex jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fejn, skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu dokument li jistabbilixxi filjazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari , ir-rikonoxximent ta' filjazzjoni għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li l-wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi rrifjutat billi jiġi invokat l-ordni pubbliku fuq il-bażi li l-ġenituri huma tal-istess sess.

**Kapitolu V - Strumenti awtentiċi mingħajr effett legali vinkolanti**

Il-proposta tipprevedi wkoll l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi li ma jistabbilixxux l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru. L-effetti evidenzjarji jistgħu jirreferu għall-istabbiliment minn qabel tal-istat ta' ġenitur b'mezzi oħra jew għal fatti oħra. Skont id-dritt nazzjonali, tali strument awtentiku jista' jkun, pereżempju, ċertifikat tat-twelid, ċertifikat tal-istat ta' ġenitur, estratt mat-twelid mir-reġistru, jew dokument notarili jew amministrattiv li jirreġistra rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jew il-kunsens ta' omm jew ta' wild għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur.

Tali strumenti awtentiċi għandu jkollhom l-istess effetti evidenzjarji fi Stat Membru ieħor bħalma għandhom fl-Istat Membru ta' oriġini jew l-aktar effetti komparabbli. Persuna li tixtieq tuża tali strument awtentiku fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-awtorità li tkun

fasslet jew irreġistrat formalment l-istrument awtentiku fl-Istat Membru ta' oriġini biex toħroġ attestazzjoni li tiddeskrivi l-effetti evidenzjarji tal-istrument.

L-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi mingħajr effett legali vinkolanti iżda b'effetti evidenzjarji tista' tiġi rrifjutata biss fuq il-bażi tal-ordni pubbliku bl-istess limitazzjonijiet applikabbli għal dik il-bażi meta tiġi applikata għal deċiżjonijiet ġudizzjarji u għal strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti, inkluż fir-rigward tal-konformità mal-Karta.

**Kapitolu VI - Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur**

Il-proposta tipprevedi l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fakultattiv ("iċ-Ċertifikat"). Dan iċ-ċertifikat uniformi huwa mfassal speċifikament biex jiffaċilita r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fl-Unjoni peress li jinħareġ "għall-użu fi Stat Membru ieħor". Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fl-Istat Membru li fih tkun ġiet stabbilita l-istat ta' ġenitur f'konformità mad-dritt applikabbli u li l-qrati tiegħu kellhom ġuriżdizzjoni skont il-proposta. Ladarba jinħareġ, iċ-Ċertifikat jista' jintuża wkoll fl-Istat Membru fejn ikun inħareġ.

Iċ-Ċertifikat huwa ċertifikat fakultattiv peress li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu meħtieġa biss li joħorġuh jekk il-wild jew rappreżentant legali jitolbu dan. Għalhekk, il-persuni intitolati li japplikaw għal Ċertifikat ma jkunu taħt l-ebda obbligu li jagħmlu dan u jkunu liberi li jippreżentaw dokumenti oħra, bħal deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku akkumpanjat mill-attestazzjoni rilevanti, meta jitolbu r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor. Madankollu, l-ebda awtorità jew persuna ppreżentata b'Ċertifikat maħruġ fi Stat Membru ieħor ma għandha tkun intitolata titlob li jiġu ppreżentati deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku minflok iċ-Ċertifikat.

Iċ-ċertifikati nazzjonali tat-twelid jew tal-istat ta' ġenitur huma, tipikament, strumenti awtentiċi li għandhom effetti evidenzjarji tal-istat ta' ġenitur. Iċ-ċertifikati nazzjonali jinħarġu taħt proċedura differenti, f'format differenti u f'lingwa differenti f'kull Stat Membru, u għandhom kontenut u effetti differenti skont l-Istat Membru minn fejn ikunu nħarġu. Skont il-proposta, dawn jistgħu jiċċirkolaw flimkien ma' attestazzjoni fakultattiva li tiddeskrivi l-effetti evidenzjarji tagħhom, u l-effetti evidenzjarji tagħhom iridu jiġu aċċettati sakemm ma jkunux kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ikunu ppreżentati.

B'kuntrast ma' dan, Ċertifikat jinħareġ dejjem permezz tal-istess proċedura kif stabbilit fil-proposta, f'forma standard uniformi (inkluża fl-Anness V tal-proposta), u bl-istess kontenut u effetti madwar l-Unjoni kif stabbilit fil-proposta. Iċ-ċertifikat huwa preżunt li juri b'mod preċiż l-elementi stabbiliti skont id-dritt applikabbli deżinjat mill-proposta, u ma għandux għalfejn jiġi traspost f'dokument nazzjonali qabel ma jkun jista' jkollu aċċess għar-reġistru rilevanti fi Stat Membru. Peress li l-formola taċ-Ċertifikat tkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni, il-ħtieġa għat-traduzzjonijiet titnaqqas b'mod sinifikanti.

Minħabba l-istabbiltà tal-istatus tal-istat ta' ġenitur fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-validità taċ-Ċertifikat u l-kopji tiegħu ma jkunux limitati fiż-żmien, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li ċ-Ċertifikat jiġi rettifikat, immodifikat, sospiż jew irtirat kif meħtieġ.

**Kapitolu VII - Atti delegati**

Jekk ikun hemm bżonn li jiġu emendati l-formoli standard tal-attestazzjonijiet li jakkumpanjaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur anness ma' din il-proposta, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati wara li jkunu saru l-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-esperti tal-Istati Membri.

**Kapitolu VIII - Diġitalizzazzjoni**

Dan il-Kapitolu fih dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni elettronika bejn il-persuni fiżiċi (jew ir-rappreżentanti legali tagħhom) u l-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata u l-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew stabbilit fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jitħallew jikkomunikaw ma' persuna fiżika permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew jekk il-persuna fiżika tkun tat il-kunsens espliċitu minn qabel għall-użu ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni.

**Kapitolu IX - Dispożizzjonijiet ġenerali u finali**

Dan il-Kapitolu fih, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet dwar ir-relazzjoni tal-proposta ma' konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti, dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar l-użu ta' deċiżjonijiet tal-qorti u strumenti awtentiċi maħruġa qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament.

2022/0402 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari, l-Artikolu 81(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Unjoni ffissat għaliha nnifisha l-objettiv li toħloq, iżżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali li fiha l-moviment liberu tal-persuni u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu żgurati. Għall-istabbiliment gradwali ta' tali żona, l-Unjoni għandha tadotta miżuri mmirati biex jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'każijiet ekstraġudizzjarji f'materji ċivili u l-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri dwar il-kunflitt tal-liġijiet u l-ġuriżdizzjoni f'materji ċivili.

(2) Dan ir-Regolament jikkonċerna r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur ta' wild kif stabbilit fi Stat Membru ieħor. Huwa għandu l-għan li jipproteġi d-drittijiet fundamentali u drittijiet oħra tat-tfal fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-istat ta' ġenitur tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri, inkluż id-dritt tagħhom għal identità[1], għal nondiskriminazzjoni[2] u għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja[3], filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-wild bħala kunsiderazzjoni primarja[4]. Dan ir-Regolament għandu l-għan ukoll li jipprovdi ċertezza u prevedibbiltà legali u li jnaqqas l-kostijiet u l-piż tal-litigazzjoni għall-familji, għall-qrati nazzjonali u għal awtoritajiet kompetenti oħra b'rabta mal-proċedimenti għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikjedi li l-

1 L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

2 L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3 L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4 L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Istati Membri jirrikonoxxu għall-finijiet kollha l-istat ta' ġenitur ta' wild kif stabbilit fi Stat Membru ieħor.

(3) L-Artikoli 21, 45, 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħtu liċ-ċittadini tal-Unjoni d-dritt li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Dawn jinkludu d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li ma jiffaċċjaw l-ebda ostaklu u d-dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini fl-eżerċizzju tal-moviment liberu, inkluż fir-rigward ta' ċerti vantaġġi soċjali, definiti bħala kwalunkwe vantaġġ li x'aktarx jiffaċilita l-mobilità[5]. Dan id-dritt japplika wkoll għall-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-Unjoni kif definiti mid-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] fi kwistjonijiet relatati ma' boroż ta' studju, ammissjoni għall-edukazzjoni, tnaqqis fil-kostijiet tat-trasport pubbliku għal familji kbar, tnaqqis fit-tariffi tal-istudenti għat-trasport pubbliku u tnaqqis fit-tariffi tad-dħul tal-mużewijiet[7]. Il-protezzjoni mogħtija mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu jinkludi wkoll id-dritt li jkun hemm isem attribwit legalment fi Stat Membru rikonoxxut fi Stati Membri oħra[8].

(4) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja") iddeċidiet li Stat Membru huwa meħtieġ jirrikonoxxi relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild għall-finijiet li jippermetti lill-wild jeżerċita mingħajr impediment, ma' kull ġenitur, id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri kif garantit fl-Artikolu 21(1) tat-TFUE, u li jeżerċita d-drittijiet kollha li l-wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni[9]. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, ma tirrikjedix li l-Istati Membri jirrikonoxxu, għal finijiet oħra għajr l-eżerċizzju tad-drittijiet li l-wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni, il-filjazzjoni bejn il-wild u l-persuni msemmija fiċ-ċertifikat tat-twelid imfassal mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor bħala l-ġenituri tal-wild.

(5) Skont it-Trattati, il-kompetenza li jiġu adottati regoli sostantivi dwar id-dritt tal-familja, bħar-regoli dwar id-definizzjoni tal-familja u r-regoli dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur ta' wild, hija tal-Istati Membri. Madankollu, skont l-Artikolu 81(3) tat-TFUE, l-Unjoni tista' tadotta miżuri dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri, b'mod partikolari regoli dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali, dwar id-dritt applikabbli u dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur.

---

5 Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Mejju 1979, *Even*, C-207/78, ECLI:EU:C:1979:144 u tat-8 ta' Ġunju 1999, *Meeusen*, C-337/97, EU:ECLI:C:1999:284.

6 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004).

7 Pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1974 , *Casagrande vs Landeshauptstadt München*, C-9/74, ECLI:EU:C:1974:74; tas-27 ta' Settembru 1988, *Matteuci*, C-235/87, ECLI:EU:C:1988:460; tat-30 ta' Settembru 1975, *Cristini vs S.N.C.F.*, C-32/75, ECLI:EU:C:1975:120; u tal-4 ta' Ottubru 2012, *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija*, C-75/11, ECLI:EU:C:2012:605.

8 Pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ottubru 2003, *Carlos García Avello v État belge*, Kawża C-148/02, ECLI:EU:C:2003:539; tal-14 ta' Ottubru 2008, *Grunkin-Paul*, Case C-353/06, ECLI:EU:C:2008:559; tat-8 ta' Ġunju 2017, *Freitag*, il-Kawża C-541/15, ECLI:EU:C:2017:432.

9 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Diċembru 2021 , *V.M.A. vs Stolichna obshtina*, C-490/20, ECLI:EU:C:2021:1008.

(6) F'konformità mal-kompetenza tal-Unjoni li tadotta miżuri dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri, il-"Programm ta' Stokkolma tal-Kunsill Ewropew tal-2010 – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini"[10] stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-problemi li nqalgħu fir-rigward tad-dokumenti tal-istat ċivili u l-aċċess ta' tali dokumenti għar-reġistri u, fid-dawl tas-sejbiet tiegħu, tissottometti proposti xierqa u tikkunsidra jekk ir-rikonoxximent reċiproku tal-effetti tad-dokumenti tal-istat ċivili jistax ikun xieraq, tal-anqas f'ċerti oqsma. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma[11] ppreveda proposta leġiżlattiva għall-eżenzjoni tal-formalitajiet għal-legalizzazzjoni tad-dokumenti bejn l-Istati Membri u proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-effetti ta' ċerti dokumenti tal-istat ċivili, inkluż fir-rigward tat-twelid, tal-istat ta' ġenitur u tal-adozzjoni.

(7) Fl-2010, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper intitolata "Inqas burokrazija għaċ-ċittadini: il-promozzjoni tal-moviment liberu tad-dokumenti pubbliċi u r-rikonoxximent tal-effetti tar-rekords tal-istat ċivili" li permezz tagħha nediet konsultazzjoni wiesgħa dwar kwistjonijiet relatati mal-moviment liberu tad-dokumenti pubbliċi u r-rikonoxximent tal-effetti tar-rekords tal-istat ċivili. Fost l-oħrajn, hija qieset il-possibbiltà li jiġi introdott ċertifikat Ewropew tal-istatus ċivili li jiffaċilita r-rikonoxximent transfruntier tal-istatus ċivili fl-Unjoni. Il-konsultazzjoni kellha l-għan li tiġbor kontribuzzjonijiet mill-partijiet interessati u mill-pubbliku ġenerali bil-ħsieb li tiżviluppa l-politika tal-Unjoni f'dawn l-oqsma u l-proposti leġiżlattivi rilevanti. Fl-2016, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta r-Regolament (UE) 2016/1191 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini billi ssimplifika r-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea[12], inklużi dokumenti dwar it-twelid, l-istat ta' ġenitur u l-adozzjoni.

(8) Filwaqt li l-Unjoni għandha l-kompetenza li tadotta miżuri dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri bħar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali, id-dritt applikabbli u r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, sal-lum l-Unjoni ma adottat l-ebda dispożizzjoni f'dawn l-oqsma fir-rigward tal-istat ta' ġenitur. Id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li bħalissa huma applikabbli f'dawn l-oqsma jvarjaw.

(9) Fil-livell tal-Unjoni, għadd ta' strumenti tal-Unjoni jittrattaw ċerti drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009[13], ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] u

[10] ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

[11] COM(2010) 171 final.

[12] Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1).

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1).

[14] Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107).

r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111[15]. Madankollu, dawn ir-Regolamenti ma jinkludux dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment jew ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur. Min-naħa tiegħu, ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] jinkludi dokumenti pubbliċi dwar it-twelid, l-istat ta' ġenitur u l-adozzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, iżda dan ir-Regolament jittratta l-awtentiċità u l-lingwa ta' dawn id-dokumenti u mhux ir-rikonoxximent tal-kontenut jew l-effetti tagħhom fi Stat Membru ieħor.

(10) Bħala riżultat tan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, il-familji jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex ikollhom l-istat ta' ġenitur tagħhom rikonoxxut għall-finijiet kollha fl-Unjoni, inkluż meta jiċċaqalqu lejn Stat Membru ieħor jew jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom.

(11) It-tfal jiksbu għadd ta' drittijiet mill-istat ta' ġenitur, inkluż id-dritt għall-identità, l-isem, in-nazzjonalità (fejn tkun irregolata mill-*ius sanguinis*), id-drittijiet ta' kustodja u aċċess tal-ġenituri tagħhom, id-drittijiet ta' manteniment, id-drittijiet ta' suċċessjoni u d-dritt li jkunu rrappreżentati legalment mill-ġenituri tagħhom. In-nuqqas ta' rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor jista' jkollu konsegwenzi negattivi serji fuq id-drittijiet fundamentali tat-tfal u fuq id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali. Dan jista' jwassal biex il-familji jiftħu kawża għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tal-wild tagħhom fi Stat Membru ieħor, għalkemm dawk il-proċedimenti għandhom riżultati inċerti u jinvolvu żmien u kostijiet sinifikanti kemm għall-familji kif ukoll għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri. Fl-aħħar mill-aħħar, il-familji jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu minħabba l-biża' li l-istat ta' ġenitur tat-tfal tagħhom ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-drittijiet derivati mid-dritt nazzjonali.

(12) Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret miżuri[17] biex tiżgura li l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha. Din l-inizjattiva ġiet inkluża fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza LGBTIQ tal-2020[18] u fl-Istrateġija tal-UE tal-2021 dwar id-drittijiet tat-tfal[19] bħala azzjoni ewlenija biex jiġu appoġġati l-ugwaljanza u d-drittijiet tat-tfal. Il-Parlament Ewropew laqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni fir-Riżoluzzjoni tagħha tal-2021 dwar id-drittijiet tal-LGBTIQ fl-UE[20] u

---

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU L 178, 2.7.2019, p. 1).

16 Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1).

17 Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President von der Leyen fil-Plenarja tal-Parlament Ewropew, l-20 ta' Settembru 2020.

18 Unjoni ta' Ugwaljanza: L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698 final.

19 L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM/2021/142 final.

20 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2021 dwar id-drittijiet tal-LGBTIQ fl-UE (2021/2679(RSP)).

fir-Riżoluzzjoni tagħha tal-2022 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattivi u tal-familja[21].

(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax id-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-drittijiet li wild jgawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE. Pereżempju, illum, l-Istati Membri jeħtiġilhom diġà jirrikonoxxu filjazzjoni għall-finijiet li jippermettu lit-tfal jeżerċitaw, ma' kull wieħed miż-żewġ ġenituri tagħhom, id-dritt li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri mingħajr impediment, u li jeżerċitaw d-drittijiet kollha li l-wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jipprevedi l-ebda kundizzjoni jew rekwiżit addizzjonali għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet.

(14) Skont l-Artikolu 21 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata miegħu kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni biex jirrifjutaw li jirrikonoxxu filjazzjoni bejn it-tfal u l-ġenituri tal-istess sess tagħhom għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, il-prova tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz[22]. Għalhekk, Stat Membru ma huwiex intitolat li jirrikjedi li persuna tippreżenta l-attestazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li jakkumpanjaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħluq minn dan ir-Regolament, fejn il-persuna tinvoka, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jipprevjenix lil persuna milli tagħżel li tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur previst f'dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikunu infurmati li d-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament, il-forom tal-attestazzjonijiet u taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur anness ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu dikjarazzjoni li tispeċifika li l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ma jaffettwax id-drittijiet li wild igawdi minnhom skont d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, u li, għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] fir-rigward ta' dokumenti pubbliċi dwar it-twelid, l-istat ta' ġenitur u l-adozzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-preżentazzjoni minn ċittadini ta' kopji ċċertifikati u l-użu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") jekk ikollhom dubju raġonevoli dwar l-

21 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja (2021/2060(INI)).

22 Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, C-459/99,*MRAX*, ECLI:EU:C:2002:461, il-punti 61 u 62, u tas-17 ta' Frar 2005, C-215/03,*Oulane*, ECLI:EU:C:2005:95, il-punti 23 sa 26.

23 Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1).

awtentiċità ta' dokument pubbliku dwar it-twelid, l-istat ta' ġenitur jew l-adozzjoni jew il-kopja ċċertifikata tagħhom ippreżentata lilhom.

(16) L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 ("il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-tfal") jirrikjedi li l-Istati Partijiet jirrispettaw u jiżguraw id-drittijiet tat-tfal mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip, u li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-wild ikun protett minn kull forma ta' diskriminazzjoni jew piena abbażi taċ-ċirkostanzi tal-ġenituri tal-wild. Skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni, fl-azzjonijiet kollha minn, fost l-oħrajn, il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi, l-aħjar interessi tal-wild jkunu kunsiderazzjoni primarja.

(17) Kwalunkwe referenza għall-"aħjar interessi tat-tfal" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tapplika għat-tfal skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 ("Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal"), jiġifieri, tfal taħt l-età ta' 18-il sena ħlief jekk skont id-dritt applikabbli għall-wild, l-età maġġuri tinkiseb qabel. Kwalunkwe referenza għall-"aħjar interessi tal-wild" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi interpretata wkoll fid-dawl tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u tal-Artikoli 3 u 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif implimentati mid-dritt nazzjonali. Kwalunkwe referenza għall-"interessi tat-tfal" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-aħjar interessi tat-tfal u għall-interessi tat-tfal tkun xi tkun l-età tagħhom.

(18) L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tal-4 ta' Novembru 1950 ("il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem") jistabbilixxi d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, filwaqt li l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 tal-imsemmija Konvenzjoni jipprevedi li t-tgawdija ta' kwalunkwe dritt stabbilit bid-dritt trid tkun żgurata mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluż it-twelid. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem interpretat l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni bħala li jirrikjedi li l-Istati kollha fil-ġuriżdizzjoni tagħha jirrikonoxxu l-filjazzjoni stabbilita barra mill-pajjiż bejn wild li twieled minn maternità surrogata u l-ġenitur bijoloġiku maħsub, u li jipprevedu mekkaniżmu għar-rikonoxximent fid-dritt tal-filjazzjoni mal-ġenitur maħsub mhux bijoloġiku (pereżempju permezz tal-adozzjoni tal-wild)[24].

(19) Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-karatteristiċi essenzjali tad-dritt tal-Unjoni taw lok għal network strutturat ta' prinċipji, regoli u relazzjonijiet legali interdipendenti b'mod reċiproku li jgħaqdu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha ma' xulxin. Din l-istruttura legali hija bbażata fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sett ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif jippreċiża l-Artikolu 2 TUE. Dik il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li dawk il-valuri se jiġu rikonoxxuti.

(20) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma fost il-valuri li hija bbażata fuqhom l-Unjoni u li huma komuni għall-Istati Membri. L-Artikolu 21 tal-Karta jipprojbixxi d-diskriminazzjoni

---

24 Pereżempju, *Mennesson vs Franza* (Applikazzjoni Nru 65192/11, Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-26 ta' Ġunju 2014) u l-Opinjoni Konsultattiva P16-2018-001 (Talba Nru P16-2018-001, Kunsill tal-Ewropa: Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-10 ta' April 2019).

abbażi, fost raġunijiet oħrajn, tat-twelid. L-Artikolu 3 tat-TUE u l-Artikolu 24 tal-Karta jipprevedu l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u l-Artikolu 7 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta' kulħadd li jirrispetta l-ħajja privata u tal-familja tiegħu.

(21) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li t-tfal igawdu d-drittijiet tagħhom u jżommu l-istatus legali tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri mingħajr diskriminazzjoni. Għal dak il-għan, u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż dwar il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor irrispettivament minn kif il-wild tnissel jew twieled u irrispettivament mit-tip ta' familja tal-wild, u inkluża l-adozzjoni domestika. Għalhekk, soġġett għall-applikazzjoni tar-regoli dwar id-dritt applikabbli ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor ta' wild b'ġenituri tal-istess sess. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri wkoll ir-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur ta' wild adottat domestikament fi Stat Membru ieħor skont ir-regoli li jirregolaw l-adozzjoni domestika f'dak l-Istat Membru.

(22) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, huwa meħtieġ u xieraq li dan ir-Regolament jiġbor flimkien regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qorti u ta' strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur kif ukoll regoli dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fi strument legali tal-Unjoni li huwa vinkolanti u direttament applikabbli.

(23) Dan ir-Regolament ikopri "kwistjonijiet ċivili", li jinkludi proċedimenti tal-qorti ċivili u d-deċiżjonijiet li jirriżultaw dwar l-istat ta' ġenitur, u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur. It-terminu "kwistjonijiet ċivili" jenħtieġ li jiġi interpretat b'mod awtonomu, f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja. Jenħtieġ li jitqies bħala kunċett awtonomu li għandu jiġi interpretat b'riferiment, fl-ewwel lok, għall-objettivi u għas-sistema ta' dan ir-Regolament u, it-tieni nett, għall-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mill-*corpus* tas-sistemi legali nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-terminu "kwistjonijiet ċivili" jiġi interpretat fis-sens li jista' wkoll jinkludi miżuri li, mill-perspettiva tas-sistema legali ta' Stat Membru, jistgħu jaqgħu taħt id-dritt pubbliku.

(24) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur, imsejjaħ koll filjazzjoni, jista' jkun bijoloġiku, ġenetiku, bl-adozzjoni jew *ex lege*. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur jenħtieġ li tfisser il-filjazzjoni stabbilita fid-dritt, u jenħtieġ li tkopri l-istatus legali li wieħed ikun wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru kemm ta' minorenni kif ukoll ta' adulti, inkluż wild mejjet u wild li jkun għadu ma twelidx, kemm jekk lil ġenitur wieħed, koppja *de facto*, koppja miżżewġa jew koppja f'relazzjoni li, skont id-dritt applikabbli għal tali relazzjoni, għandha effetti komparabbli, bħal sħubija rreġistrata. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika irrispettivament min-nazzjonalità tat-tfal li l-istat ta' ġenitur tagħhom għandu jiġi stabbilit, u irrispettivament min-nazzjonalità tal-ġenituri tal-wild. It-terminu "ġenitur" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jinftiehem, kif applikabbli, bħala li jirreferi għall-ġenitur legali, il-ġenitur maħsub, il-persuna li tiddikjara li hija ġenitur jew il-persuna li fir-rigward tagħha l-wild jasserixxi l-istat ta' ġenitur.

(25) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjoni domestika mingħajr elementi transfruntieri. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni jew id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'każijiet domestiċi, bħall-istat ta' ġenitur ta' wild wara adozzjoni domestika fi Stat Membru. Madankollu, biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tat-tfal mingħajr diskriminazzjoni f'sitwazzjonijiet transfruntieri kif stabbilit fil-Karta, fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar ir-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qorti u ta' strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur jenħtieġ li japplikaw ukoll għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet domestiċi, bħall-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru wara adozzjoni domestika f'dak l-Istat Membru. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-attestazzjoni rilevanti u ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li japplikaw ukoll fir-rigward tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet domestiċi, bħal wara adozzjoni domestika fi Stat Membru.

(26) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, adozzjoni domestika fi Stat Membru hija dik li fiha l-wild u l-ġenitur jew il-ġenituri adottiv(i) ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess Stat Membru u fejn l-adozzjoni toħloq filjazzjoni permanenti. Sabiex jitqiesu t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-adozzjoni domestika fi Stat Membru fejn l-adozzjoni tirriżulta fit-terminazzjoni tar-relazzjoni legali bejn il-wild u l-familja ta' oriġini (adozzjoni sħiħa) kif ukoll l-adozzjoni domestika fi Stat Membru li ma tirriżultax fit-terminazzjoni tar-relazzjoni legali bejn il-wild u l-familja ta' oriġini (adozzjoni sempliċi).

(27) L-adozzjoni bejn il-pajjiżi, fejn il-wild u l-ġenitur jew il-ġenituri adottiv(i) ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stati differenti, hija regolata mill-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1993 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tal-Adozzjoni Bejn il-Pajjiżi, li għaliha l-Istati Membri kollha huma parti. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-adozzjoni bejn il-pajjiżi, irrispettivament minn jekk jinvolvix żewġ Stati Membri jew Stat Membru u Stat terz, u irrispettivament minn jekk l-adozzjoni bejn il-pajjiżi hijiex koperta mill-Konvenzjoni ta' The Hague jew le.

(28) Filwaqt li l-istabbiliment u r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur f'konformità ma' dan ir-Regolament huwa rilevanti għal oqsma oħra tad-dritt ċivili, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi li jikkonċernaw l-istat ta' ġenitur. Għal finijiet ta' ċarezza, għadd ta' kwistjonijiet li jistgħu jitqiesu li għandhom rabta ma' kwistjonijiet ta' suċċessjoni jenħtieġ li jiġu esklużi espliċitament mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(29) B'mod partikolari, ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikawx għad-drittijiet ta' manteniment, regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009[25]; drittijiet ta' suċċessjoni, regolati mir-

[25] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1).

Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]; jew kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, regolati mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111[27]. Madankollu, minħabba li l-kwistjoni tal-istat ta' ġenitur ta' wild trid tiġi solvuta bħala kwistjoni preliminari qabel ma jiġu riżolti kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, ta' manteniment jew ta' suċċessjoni fir-rigward tal-wild, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffaċilita l-applikazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni msemmija hawn fuq dwar id-dritt tal-familja u s-suċċessjoni.

(30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għal kwistjonijiet preliminari bħall-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' żwieġ jew relazzjoni meqjusa mid-dritt applikabbli għalih bħala li għandha effetti komparabbli, li jenħtieġ li jkomplu jkunu rregolati mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi r-regoli tagħhom tad-dritt internazzjonali privat u, meta rilevanti, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-moviment liberu.

(31) Ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur f'reġistru jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk jenħtieġ li jkun id-dritt tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru li jenħtieġ li jiddetermina taħt liema kundizzjonijiet legali u kif trid issir ir-reġistrazzjoni u liema awtoritajiet huma responsabbli li jivverifikaw li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha u li d-dokumentazzjoni ppreżentata jew stabbilita tkun biżżejjed jew li jkun fiha l-informazzjoni neċessarja. Sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni ta' dokumenti, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jaċċettaw tali dokumenti, mfasslin fi Stat Membru ieħor mill-awtoritajiet kompetenti li ċ-ċirkolazzjoni tagħhom hija prevista minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħruġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkostitwixxi dokument validu għar-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur f'reġistru ta' Stat Membru. Peress li l-proċedura għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur u l-kontenut u l-effetti tiegħu jenħtieġ li jkunu uniformi fl-Istati Membri kollha kif stabbilit f'dan ir-Regolament, u ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li jinħareġ f'konformità mar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet involuti fir-reġistrazzjoni jenħtieġ li ma jirrikjedux li ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jiġi traspost l-ewwel f'dokument nazzjonali dwar l-istat ta' ġenitur. Dan jenħtieġ li ma jipprekludix lill-awtoritajiet involuti fir-reġistrazzjoni milli jikkonfermaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jew milli jitolbu lill-persuna li tkun qed tapplika għar-reġistrazzjoni biex tipprovdi tali informazzjoni addizzjonali kif meħtieġ skont id-dritt tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru, dment li l-informazzjoni ma tkunx diġà inkluża fiċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur. L-awtorità kompetenti tista' tindika li l-persuna li tkun qed tapplika għar-reġistrazzjoni kif tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni jew id-dokumenti nieqsa. L-effetti tar-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur f'reġistru (pereżempju, skont id-dritt nazzjonali, jekk ir-reġistrazzjoni tistabbilixxix l-istat ta' ġenitur jew tipprovdix biss evidenza tal-istat ta' ġenitur diġà stabbilit) jenħtieġ

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107).

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU L 178, 2.7.2019, p. 1).

li jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jiġu ddeterminati mid-dritt tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru.

(32) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkoprix ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat terz jew ir-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur mfassla jew irreġistrati fi Stat terz. Ir-rikonoxximent jew l-aċċettazzjoni ta' tali dokumenti jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għad-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru.

(33) L-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur jenħtieġ li jfisser id-determinazzjoni legali tar-relazzjoni legali bejn il-wild u kull ġenitur, u jenħtieġ li jinftiehem li jinkludi l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur wara talba li tikkontesta istat ta' ġenitur stabbilit qabel. Meta rilevanti, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-estinzjoni jew għat-terminazzjoni tal-istat ta' ġenitur.

(34) Minkejja d-differenzi fid-drittjiet nazzjonali, l-istat ta' ġenitur tipikament jiġi stabbilit *ex lege* jew b'att ta' awtorità kompetenti. Eżempji tal-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur *ex lege* jinkludu l-istat ta' ġenitur skont it-twelid fir-rigward tal-persuna li tkun qed twellidha, u l-istat ta' ġenitur skont il-preżunzjoni legali fir-rigward tal-konjuġi jew tas-sieħeb reġistrat tal-persuna li tkun qiegħda twelled. Eżempji tal-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur permezz ta' att ta' awtorità kompetenti jinkludu l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur permezz ta' deċiżjoni tal-qorti (bħal fl-adozzjoni, jew fi proċedimenti fejn tiġi kkontestata l-istat ta' ġenitur, jew fi proċedimenti fejn tintalab l-istat ta' ġenitur, pereżempju billi jiġi ppruvat il-pussess ta' stat), permezz ta' att notarili (pereżempju, f'adozzjoni jew meta l-wild ikun għadu ma twelidx), permezz ta' deċiżjoni amministrattiva (pereżempju, wara rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur) jew permezz ta' reġistrazzjoni. L-istat ta' ġenitur tipikament jiġi rreġistrat fir-reġistru ċivili, personali jew tal-popolazzjoni. L-evidenza tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi pprovduta mid-dokument li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur (bħad-deċiżjoni tal-qorti, l-att notarili jew id-deċiżjoni amministrattiva li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur). Madankollu, l-evidenza tal-istat ta' ġenitur spiss tiġi pprovduta mir-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur fir-reġistru nnifsu, minn estratt mir-reġistru rilevanti jew minn ċertifikat li jkun fih l-informazzjoni rreġistrata fir-reġistru rilevanti (bħal ċertifikat tat-twelid jew ċertifikat tal-istat ta' ġenitur).

(35) Il-funzjonament korrett u bla xkiel ta' spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni b'rispett għas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' ġustizzja ta' xulxin jenħtieġ li tkompli tittejjeb.

(36) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-istrumenti awtentiċi dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli ta' ġuriżdizzjoni uniformi għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur b'element transfruntier. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiċċara wkoll id-dritt tat-tfal taħt l-età ta' 18-il sena li għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom fi proċedimenti li għalihom huma soġġetti.

(37) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax il-kwistjoni ta' liema awtoritajiet f'kull Stat Membru huma kompetenti biex jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur (pereżempju, qrati, awtoritajiet amministrattivi, nutara, reġistraturi jew awtoritajiet oħra).

(38) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrispetta s-sistemi differenti biex jiġu ttrattati kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur fl-Istati Membri. Fir-rigward ta' "strumenti awtentiċi",

l-Istati Membri spiss jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet, bħan-nutara, l-awtoritajiet amministrattivi jew ir-reġistraturi biex ifasslu strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru li fih ikunu tfasslu jew ġew irreġistrati ("strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti"), jew li jfasslu strumenti awtentiċi li ma jkollhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru li fih ikunu tfasslu jew ġew irreġistrati iżda li jkollhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru ("strumenti awtentiċi mingħajr effett legali vinkolanti"). It-terminu "għoti tas-setgħa" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi interpretat b'mod awtonomu f'konformità mad-definizzjoni ta' "strument awtentiku" użata orizzontalment fi strumenti tal-Unjoni u fid-dawl tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

(39) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-wild, il-ġuriżdizzjoni jenħtieġ li tiġi ddeterminata skont il-kriterju ta' prossimità. Konsegwentement, fejn possibbli l-ġuriżdizzjoni jenħtieġ li tkun favur l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-wild. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-wild għall-ġustizzja fi Stat Membru, jenħtieġ li tingħata wkoll ġuriżdizzjoni alternattiva lill-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-wild, lill-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-intimat (pereżempju, il-persuna li fir-rigward tagħha l-wild jasserixxi l-istat ta' ġenitur), lill-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, lill-Istat Membru tan-nazzjonalità ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri jew lill-Istat Membru tat-twelid tal-wild.

(40) F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-post tar-residenza abitwali tal-wild irid jiġi stabbilit abbażi taċ-ċirkostanzi kollha speċifiċi għal kull każ individwali. Minbarra l-preżenza fiżika tal-wild fit-territorju ta' Stat Membru, iridu jintgħażlu fatturi oħra li jkunu kapaċi juru li dik il-preżenza ma tkun bl-ebda mod temporanja jew intermittenti u li tirrifletti xi grad ta' integrazzjoni tal-wild f'ambjent soċjali u tal-familja, liema huwa l-post li, fil-prattika, huwa ċ-ċentru tal-ħajja ta' dak il-wild. Tali fatturi jinkludu d-durata, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet għas-soġġorn tal-wild fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u n-nazzjonalità tal-wild, bil-fatturi rilevanti jvarjaw skont l-età tal-wild ikkonċernat. Dawn jinkludu wkoll il-post u l-kundizzjonijiet tal-attendenza tal-wild fl-iskola, u r-relazzjonijiet familjari u soċjali tal-wild fl-Istat Membru. L-intenzjoni tal-ġenituri li jistabbilixxu ruħhom mal-wild fi Stat Membru partikolari tista' titqies ukoll meta dik l-intenzjoni tintwera permezz ta' passi tanġibbli, bħax-xiri jew il-kiri ta' residenza fl-Istat Membru kkonċernat. B'kuntrast ma' dan, in-nazzjonalità tal-persuna li tkun welldet jew ir-residenza preċedenti ta' din il-persuna fl-Istat Membru tal-qorti invokata ma hijiex rilevanti, filwaqt li l-fatt li l-wild ikun twieled f'dak l-Istat Membru u li jkollu n-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru ma huwiex biżżejjed.

(41) Meta dan ir-Regolament jirreferi għan-nazzjonalità bħala fattur ta' konnessjoni għall-finijiet ta' ġuriżdizzjoni jew ta' dritt applikabbli, il-kwistjoni ta' kif għandu jiġi kkunsidrat wild jew ġenitur li jkollu aktar minn nazzjonalità waħda hija kwistjoni preliminari li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li titħalla f'idejn id-dritt nazzjonali, inklużi, fejn applikabbli, konvenzjonijiet internazzjonali, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, wild jew ġenitur li jkollu aktar minn nazzjonalità waħda jista' jagħżel il-qorti jew id-dritt ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li n-nazzjonalità tagħhom ikollu fil-mument li tiġi invokata l-qorti jew fil-mument li jiġi stabbilit l-istat ta' ġenitur.

(42) Meta l-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita abbażi tar-raġunijiet ġenerali ta' ġuriżdizzjoni alternattiva, il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun preżenti l-wild jenħtieġ li jkollhom ġuriżdizzjoni. Din ir-regola tal-preżenza jenħtieġ li, b'mod partikolari,

tippermetti lill-qrati ta' Stat Membru jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni fir-rigward ta' tfal li huma ċittadini ta' pajjiż terz, inklużi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jew il-benefiċjarji tal-istess, bħat-tfal refuġjati u t-tfal li jkunu spostati internazzjonalment minħabba taqlib li jseħħ fl-Istat tar-residenza abitwali tagħhom.

(43) Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li f'kull Stat Membru, il-ġuriżdizzjoni tiġi ddeterminata mil-liġijiet ta' dak l-Istat Membru, inklużi l-istrumenti internazzjonali fis-seħħ f'dak l-Istat Membru.

(44) Sabiex ikun hemm rimedju għal sitwazzjonijiet ta' ċaħda ta' ġustizzja, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi *forum necessitatis* li jippermetti lil qorti ta' Stat Membru, fuq bażi eċċezzjonali, tieħu deċiżjonijiet dwar l-istat ta' ġenitur li jkun konness mill-qrib ma' Stat terz. Tali bażi eċċezzjonali tista' titqies li teżisti meta l-proċedimenti jkunu impossibbli fl-Istat terz ikkonċernat, pereżempju minħabba gwerra ċivili, jew meta l-wild jew persuna oħra kkonċernata ma tkunx tista' raġonevolment tkun mistennija li tibda jew twettaq proċedimenti f'dak l-Istat. Madankollu, il-ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-*forum necessitatis* jenħtieġ li tiġi eżerċitata biss jekk il-kawża tkun konnessa biżżejjed mal-Istat Membru tal-qorti invokata.

(45) Fl-interessi tal-ekonomija proċedurali u l-effiċjenzja proċedurali, jekk l-eżitu tal-proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru li ma jkollux ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament ikun jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jimpedixxix lill-qrati ta' dak l-Istat Membru milli jiddeterminaw dik il-kwistjoni. Għalhekk, jekk is-suġġett tal-proċedimenti jkun, pereżempju, tilwima dwar is-suċċessjoni li fiha trid tiġi stabbilita l-filjazzjoni għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti, l-Istat Membru li jkollu ġuriżdizzjoni għat-tilwima dwar is-suċċessjoni jenħtieġ li jitħalla jiddetermina dik il-kwistjoni għall-proċedimenti pendenti, irrispettivament minn jekk għandux ġuriżdizzjoni għal kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe determinazzjoni bħal din jenħtieġ li ssir f'konformità mad-dritt applikabbli deżinjat minn dan ir-Regolament u jenħtieġ li tipproduċi biss effetti fil-proċedimenti li għalihom tkun saret.

(46) Fl-interess tal-funzjonament armonjuż tal-ġustizzja, l-għoti ta' deċiżjonijiet kontradittorji tal-qrati fi Stati Membri differenti jenħtieġ li jiġi evitat. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi regoli proċedurali ġenerali simili għal dawk ta' strumenti oħrajn tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili.

(47) Waħda mit-tali regoli proċedurali hija regola *lis pendens* li jenħtieġ li tidħol fis-seħħ jekk l-istess kawża tal-istat ta' ġenitur titressaq quddiem qrati differenti fi Stati Membri differenti. Dik ir-regola jenħtieġ li tiddetermina liema qorti jenħtieġ li tipproċedi biex tittratta l-kawża dwar l-istat ta' ġenitur.

(48) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddefinixxi f'liema mument qorti titqies li hija invokata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl taż-żewġ sistemi differenti li jeżistu fl-Istati Membri, li jew jirrikjedu li l-att promotur jiġi nnotifikat l-ewwel lill-intimat, jew li l-ewwel jiġi ppreżentat lill-qorti, jenħtieġ li jkun biżżejjed li jkun ittieħed l-ewwel pass skont id-dritt nazzjonali, dment li r-rikorrent ma jkunx sussegwentement naqas milli jieħu xi pass li kien meħtieġ jieħu skont id-dritt nazzjonali biex ikun jista' jitwettaq it-tieni pass.

(49) Jenħtieġ li l-proċedimenti dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur skont dan ir-Regolament, bħala prinċipju bażiku, jipprovdu lil tfal taħt l-età ta' 18-il sena li jkunu soġġetti għal dawk il-proċedimenti u li jkunu kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom

stess, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u, meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-wild, jenħtieġ li dawk il-fehmiet jingħataw il-piż dovut. Madankollu, jenħtieġ li r-Regolament iħalli f'idejn id-dritt u l-proċedura nazzjonali tal-Istati Membri biex jiġi ddeterminat min se jisma' lill-wild u kif il-wild għandu jinstema'. Barra minn hekk, filwaqt li jibqa' dritt tal-wild, is-smigħ tal-wild jenħtieġ li ma jikkostitwix obbligu assolut għalkemm jenħtieġ li jiġi vvalutat filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-wild.

(50) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi ċertezza u prevedibbiltà legali billi jipprovdi regoli komuni dwar id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Tali regoli komuni għandhom l-għan li jevitaw deċiżjonijiet kunfliġġenti skont liema qrati tal-Istat Membru jew awtoritajiet kompetenti oħra jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur u jiffaċilitaw, b'mod partikolari, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi li ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru.

(51) Bħala regola, id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri jenħtieġ li jkun id-dritt tal-Istat tar-residenza abitwali tal-persuna li tkun qiegħda twelled fil-mument tat-twelid. Dan il-fattur ta' konnessjoni jenħtieġ li jiżgura li d-dritt applikabbli jkun jista' jiġi ddeterminat fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, inkluż fir-rigward ta' tarbija tat-twelid, li r-residenza abitwali tagħha tista' tkun diffiċli li tiġi stabbilita. Il-ħin tat-twelid jenħtieġ li jiġi interpretat strettament, b'referenza għas-sitwazzjoni l-aktar frekwenti li fiha l-istat ta' ġenitur ikun stabbilit mat-twelid *ex lege* u rreġistrat fir-reġistru rilevanti fi żmien ftit jiem wara t-twelid. Dan id-dritt jenħtieġ li japplika kemm għal sitwazzjonijiet li fihom il-persuna li tkun qed twelled ikollha r-residenza abitwali fl-Istat tat-twelid (kif tkun is-sitwazzjoni tipika) kif ukoll għal sitwazzjonijiet li fihom il-persuna li twelled ikollha r-residenza abitwali fi Stat li ma huwiex l-Istat tat-twelid (pereżempju, meta t-twelid iseħħ waqt l-ivvjaġġar). Jenħtieġ li japplika d-dritt tal-Istat tar-residenza abitwali tal-persuna li tkun qed twelled fil-mument tat-twelid, b'analoġija, fejn l-istat ta' ġenitur tal-wild jenħtieġ li jiġi stabbilit qabel ma l-wild jitwieled. Sabiex jiġi żgurat li d-dritt applikabbli jkun jista' jiġi ddeterminat fiċ-ċirkostanzi kollha, id-dritt tal-Istat tat-twelid tal-wild jenħtieġ li japplika fil-każijiet rari fejn ir-residenza abitwali tal-persuna li tkun qed twelled fil-mument tat-twelid ma tkunx tista' tiġi stabbilita (pereżempju, fil-każ ta' rifuġjat jew ta' omm spostata internazzjonalment).

(52) B'eċċezzjoni, fejn id-dritt applikabbli bħala regola tirriżulta fl-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' ġenitur wieħed (pereżempju, il-ġenitur ġenetiku biss f'koppja tal-istess sess), waħda miż-żewġ liġijiet sussidjarji, jiġifieri d-dritt tal-Istat tan-nazzjonalità ta' ġenitur jew id-dritt tal-Istat tat-twelid tal-wild, jista' jiġi applikat biex jiġi stabbilit l-istat ta' ġenitur fir-rigward tat-tieni ġenitur (pereżempju, il-ġenitur mhux ġenetiku f'koppja tal-istess sess). Minħabba li, f'dawk il-każijiet, kemm l-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' ġenitur wieħed kif ukoll l-istat ta' ġenitur fir-rigward tal-ġenitur l-ieħor jiġu stabbiliti f'konformità ma' wieħed mid-drittjiet iddeżinjati bħala applikabbli minn dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' kull ġenitur, inkluż fejn stabbilit mill-awtoritajiet ta' Stati Membri differenti, jenħtieġ li jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha skont ir-regoli ta' dan ir-Regolament meta l-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' kull ġenitur ikun ġie stabbilit mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li l-qrati tiegħu jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament.

(53) Kull dritt deżinjat bħala applikabbli minn dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika anke jekk ma jkunx id-dritt ta' Stat Membru.

(54) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-kontinwità tal-istat ta' ġenitur, fejn ikun ġie stabbilit l-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'konformità ma' waħda mid-drittjiet deżinjati kif applikabbli minn dan ir-Regolament, il-bidla tad-dritt applikabbli bħala riżultat ta' bidla fir-residenza abitwali tal-persuna li tkun welldet jew tan-nazzjonalità ta' kwalunkwe ġenitur jenħtieġ li ma taffettwax l-istat ta' ġenitur diġà stabbilit.

(55) Parti interessata tista' tagħmel att unilaterali maħsub biex ikollu effett legali fuq l-istat ta' ġenitur stabbilit jew li għandu jiġi stabbilit, pereżempju, rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jew l-għoti ta' kunsens minn konjugi għall-użu ta' teknoloġija riproduttiva assistita. Tali att jenħtieġ li jkun formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti formali tad-dritt deżinjat bħala applikabbli minn dan ir-Regolament, jew id-dritt tal-Istat li fih il-persuna li tagħmel l-att ikollha r-residenza abitwali, jew id-dritt tal-Istat li fih sar l-att.

(56) F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati u lill-awtoritajiet kompetenti oħra li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur fl-Istati Membri, jinjoraw ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi barranija fejn, f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku biex iwarrbu d-dritt ta' Stat ieħor meta dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

(57) Peress li hemm xi Stati Membri li fihom jeżistu flimkien żewġ sistemi legali jew aktar jew żewġ ġabriet ta' regoli jew aktar li jirregolaw materji regolati minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li dispożizzjoni tirregola l-limitu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-unitajiet territorjali differenti ta' dawk l-Istati.

(58) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti u ta' strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti maħruġ fi Stat Membru ieħor.

(59) Skont id-dritt nazzjonali, strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini jista' jkun, pereżempju, att notarili ta' adozzjoni jew deċiżjoni amministrattiva li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur wara rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi wkoll l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi li ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru. Skont id-dritt nazzjonali, tali strument awtentiku jista' jkun, pereżempju, ċertifikat tat-twelid jew ċertifikat tal-istat ta' ġenitur li jipprovdi evidenza tal-istat ta' ġenitur stabbilit fl-Istat Membru ta' oriġini (jekk il-ġenitur ikunx ġie stabbilit *ex lege* jew b'att ta' awtorità kompetenti, bħal deċiżjoni tal-qorti, att notarili, deċiżjoni amministrattiva jew reġistrazzjoni).

(60) Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni tiġġustifika l-prinċipju li d-deċiżjonijiet tal-qorti li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur fi Stat Membru jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa ta' xi proċedura ta' rikonoxximent. B'mod partikolari, meta tiġi ppreżentata b'deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur li ma tistax tiġi kkontestata aktar fl-Istat Membru ta' oriġini, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjest jenħtieġ li jirrikonoxxu d-deċiżjoni tal-qorti *ex lege* mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura speċjali u jenħtieġ li jaġġornaw ir-rekords dwar l-istat ta' ġenitur fir-reġistru rilevanti kif xieraq.

(61) Jenħtieġ li jitħalla f'idejn id-dritt nazzjonali biex tiddeċiedi jekk ir-raġunijiet għar-rifjut jistgħux jitqajmu minn parti jew fuq inizjattiva proprja. Jenħtieġ li dan ma jipprekludi lil ebda parti interessata li tixtieq tqajjem ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru ieħor bħala l-kwistjoni prinċipali f'tilwima milli tressaq rikors il-qorti għal deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut tar-rikonoxximent ta' dik id-deċiżjoni tal-qorti. Jenħtieġ li jitħalla f'idejn id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru fejn isir tali rikors biex jiġi ddeterminat min jista' jitqies bħala parti interessata intitolata li tressaq tali rikors.

(62) Ir-rikonoxximent fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li jkunu ibbażati fuq il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka. Għaldaqstant jenħtieġ li r-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jinżammu fil-livelli minimi neċessarji fid-dawl tal-għan sottostanti ta' dan ir-Regolament, li huwa li jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur u li effettivament jiġu protetti d-drittijiet u l-aħjar interessi tal-wild f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

(63) Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jenħtieġ li jiġi rrifjutat biss jekk ikun hemm raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent waħda jew aktar kif previst f'dan ir-Regolament. Il-lista ta' raġunijiet għal rifjut ta' rikonoxximent f'dan ir-Regolament hija eżawrjenti. Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jiġu invokati bħala raġunijiet għal rifjut, raġunijiet li ma humiex elenkati f'dan ir-Regolament, bħal, pereżempju, ksur tar-regola *lis pendens*. Deċiżjoni sussegwenti tal-qorti jenħtieġ li dejjem tipprevali fuq deċiżjoni preċedenti tal-qorti sa fejn dawn ikunu irrikonċiljabbli.

(64) Fir-rigward tal-opportunità mogħtija lit-tfal taħt l-età ta' 18-il sena biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, hija l-qorti ta' oriġini li jenħtieġ li tiddeċiedi dwar il-metodu xieraq għas-smigħ tal-wild. Għaldaqstant, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jiġi miċħud ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni għar-raġuni unika li l-qorti ta' oriġini tkun użat metodu differenti biex tisma' lill-wild minn dak li kieku tuża qorti fl-Istat Membru tar-rikonoxximent.

(65) L-istrumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal "deċiżjonijiet tal-qorti" għall-finijiet tar-regoli dwar ir-rikonoxximent ta' dan ir-Regolament.

(66) Għalkemm l-obbligu li t-tfal taħt it-18-il sena jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għal strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti, id-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom madankollu jenħtieġ li jkun ikkunsidrat skont l-Artikolu 24 tal-Karta u fid-dawl tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif implimentata mid-dritt u l-proċedura nazzjonali. Il-fatt li t-tfal ma ngħatawx l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom jenħtieġ li ma jkunx awtomatikament raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti.

(67) Ir-rikonoxximent fi Stat Membru skont dan ir-Regolament ta' deċiżjoni tal-qorti li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru ieħor, jew ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti mfassal jew irreġistrat fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li ma jimplikax ir-rikonoxximent taż-żwieġ jew tas-sħubija reġistrata possibbli tal-ġenituri tal-wild li l-istat ta' ġenitur tiegħu jkun ġie stabbilit jew għandu jiġi stabbilit.

(68) Sabiex ikunu kkunsidrati s-sistemi differenti ta' trattament tal-istat ta' ġenitur fl-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiggarantixxi l-aċċettazzjoni fl-Istati Membri

kollha ta' strumenti awtentiċi li ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru. Tali strumenti awtentiċi jista' jkollhom effetti evidenzjarji fir-rigward tal-istat ta' ġenitur diġà stabbilit jew fir-rigward ta' fatti oħra. Skont id-dritt nazzjonali, l-istrumenti awtentiċi li jipprovdu evidenza tal-istat ta' ġenitur diġà stabbilit jistgħu jkunu, pereżempju, ċertifikat tat-twelid, ċertifikat tal-istat ta' ġenitur jew estratt mir-reġistru ċivili mat-twelid. L-istrumenti awtentiċi li jipprovdu evidenza ta' fatti oħra jistgħu jkunu, pereżempju, dokument notarili jew amministrattiv li jirreġistraw rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, dokument notarili jew amministrattiv li jirreġistra l-kunsens ta' omm jew ta' wild għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur, dokument notarili jew amministrattiv li jirreġistra l-kunsens ta' konjuġi għall-użu ta' teknoloġija riproduttiva assistita, jew dokument notarili jew amministrattiv li jirreġistra pussess ta' stat.

(69) L-istrumenti awtentiċi li ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru jenħtieġ li jkollhom l-istess effetti evidenzjarji fi Stat Membru ieħor bħalma għandhom fl-Istat Membru ta' oriġini, jew l-aktar effetti komparabbli. Meta jkunu qed jiġu ddeterminati l-effetti evidenzjarji ta' tali strument awtentiku fi Stat Membru ieħor jew l-aktar effetti komparabbli, jenħtieġ li jsir riferiment għan-natura u l-ambitu tal-effetti evidenzjarji tal-istrument awtentiku fl-Istat Membru ta' oriġini. L-effetti evidenzjarji li tali strument awtentiku jenħtieġ li jkollu fi Stat Membru ieħor għaldaqstant se jiddependi mid-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini.

(70) L-"awtentiċità" ta' strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandu effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru jenħtieġ li tkopri elementi bħall-ġenwinità tal-istrument, il-prerekwiżiti formali tal-istrument, is-setgħat tal-awtorità li qed tfassal l-istrument u l-proċedura skont liema jitfassal l-istrument. Jenħtieġ li tkopri wkoll l-elementi fattwali rreġistrati fl-istrument awtentiku. Parti li tixtieq tikkontesta l-awtentiċità ta' strument awtentiku jenħtieġ li tagħmel dan quddiem il-qorti kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini tal-istrument awtentiku skont id-dritt ta' dak l-Istat Membru.

(71) It-terminu "att legali" (pereżempju, rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jew l-għoti ta' kunsens) jew "relazzjoni legali" (pereżempju, l-istat ta' ġenitur ta' wild) irreġistrati fi strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandu effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru jenħtieġ li jiġu interpretati bħala li jirreferu għall-kontenut fir-rigward tas-sustanza rreġistrata fl-istrument awtentiku. Parti li tixtieq tikkontesta atti legali jew relazzjoni legali rreġistrata fi strument awtentiku jenħtieġ li tagħmel dan quddiem il-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jiddeċiedu dwar il-kontestazzjoni f'konformità mad-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur deżinjat minn dan ir-Regolament.

(72) Jekk kwistjoni relatata mal-att legali jew ir-relazzjoni legali rreġistrata fi strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandu effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru titqajjem bħala kwistjoni inċidentali fi proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru, dik il-qorti jenħtieġ li jkollha ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.

(73) Meta jkun qed jiġi kkontestat strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandu effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru, dan jenħtieġ li ma jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' oriġini sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti. Jekk il-

kontestazzjoni tikkonċerna biss kwistjoni speċifika relatata mal-atti legali jew relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku, l-istrument awtentiku inkwistjoni jenħtieġ li ma jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru għajr fl-Istat Membru ta' oriġini fir-rigward tal-materja li qiegħda tiġi kkontestata sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti. Strument awtentiku li ġie ddikjarat invalidu bħala riżultat ta' kontestazzjoni, jenħtieġ li ma jibqa' jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju.

(74) Jekk awtorità, b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tiġi ppreżentata b'żewġ strumenti awtentiċi inkompatibbli li ma jistabbilixxux l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti iżda li jkollhom effetti evidenzjarji fl-Istat Membru ta' oriġini rispettiv tagħhom, jenħtieġ li hija tivvaluta l-kwistjoni ta' liema strument awtentiku, jekk ikun hemm, jenħtieġ li jingħata prijorità filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Fejn, minn dawk iċ-ċirkostanzi, ma jkunx ċar liema strument awtentiku, jekk ikun hemm, jenħtieġ li jingħata prijorità, il-kwistjoni għandha tiġi ddeterminata mill-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament, jew, fejn il-kwistjoni titqajjem bħala kwistjoni inċidentali matul il-proċedimenti, mill-qorti invokata b'dawk il-proċedimenti.

(75) Il-kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati tal-Istati Membri jew lil awtoritajiet kompetenti oħra jirrifjutaw, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn, f'każ partikolari, tali rikonoxximent jew aċċettazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku maħruġ fi Stat Membru ieħor meta jekk jagħmlu dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

(76) Sabiex ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru jiġi solvut malajr, mingħajr xkiel u b'mod effiċjenti, jenħtieġ li t-tfal jew il-ġenitur(i) tagħhom ikunu jistgħu juru faċilment l-istatus tat-tfal fi Stat Membru ieħor. Biex huma jkunu jistgħu jagħmlu dan, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi għall-ħolqien ta' ċertifikat uniformi, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, li jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor. Sabiex jitħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma jiħux il-post ta' dokumenti interni li jistgħu jeżistu għal finijiet simili fl-Istati Membri.

(77) L-awtorità li toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li tqis il-formalitajiet meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur fl-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi skambju ta' informazzjoni dwar tali formalitajiet bejn l-Istati Membri.

(78) L-użu taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma jkunx mandatorju. Dan ifisser li l-persuni intitolati li japplikaw għal Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, jiġifieri l-wild jew rappreżentant legali, jenħtieġ li ma jkun taħt l-ebda obbligu li jagħmel dan u jenħtieġ li jkun liberu li jippreżenta l-istrumenti l-oħra disponibbli skont dan ir-Regolament (deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku) meta jitolbu rikonoxximent fi Stat Membru ieħor. Madankollu, l-ebda awtorità jew persuna ppreżentata b'Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħruġ fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li ma tkun intitolata titlob li tiġi ppreżentata deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku minflok iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur.

(79) Iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li jinħareġ fl-Istat Membru li fih ikun ġie stabbilit l-istat ta' ġenitur u li l-qrati tiegħu jkollhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun f'idejn kull Stat Membru li jiddetermina fil-leġiżlazzjoni interna tiegħu liema awtoritajiet għandu jkollhom il-kompetenza li joħorġu ċ-Ċertifikat Ewropew tal-istat ta' ġenitur, kemm jekk ikunu qrati kif ukoll awtoritajiet oħra b'kompetenza fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, bħal, pereżempju, awtoritajiet amministrattivi, nutara jew reġistraturi. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti dwar l-awtoritajiet mogħtija s-setgħa skont id-dritt nazzjonali li joħorġu ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur biex dik l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku.

(80) Filwaqt li l-kontenut u l-effetti tal-istrument awtentiku nazzjonali li jipprovdi evidenza tal-istat ta' ġenitur (bħal ċertifikat tat-twelid jew ċertifikat tal-istat ta' ġenitur) ivarjaw skont l-Istat Membru ta' oriġini, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li jkollu l-istess kontenut u jipproduċi l-istess effetti fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li jkollu effetti evidenzjarji u jenħtieġ li jkun preżunt li juri b'mod akkurat elementi li jkunu ġew stabbiliti skont id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur deżinjat minn dan ir-Regolament. L-effetti evidenzjarji taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma jestendux għal elementi li ma humiex regolati minn dan ir-Regolament, bħall-istatus ċivili tal-ġenituri tal-wild li l-istat ta' ġenitur tagħhom huwa kkonċernat. Filwaqt li l-lingwa ta' strument awtentiku nazzjonali li jipprovdi evidenza tal-istat ta' ġenitur hija l-lingwa tal-Istat Membru ta' oriġini, il-formola taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur annessa ma' dan ir-Regolament hija disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni.

(81) Il-qorti jew awtorità kompetenti oħra jenħtieġ li toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur meta mitluba tagħmel dan. L-oriġinal taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li jibqa' f'idejn l-awtorità emittenti, li jenħtieġ li toħroġ kopja ċċertifikata waħda jew aktar taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur lill-applikant jew lil rappreżentant legali. Minħabba l-istabbiltà tal-istatus tal-istat ta' ġenitur fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, il-validità tal-kopji taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma tkunx limitata fiż-żmien, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġi rrettifikat, immodifikat, sospiż jew irtirat iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur kif meħtieġ. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi rimedju kontra deċiżjonijiet tal-awtorità emittenti, inklużi deċiżjonijiet li jirrifjutaw il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur. Meta ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jiġi rettifikat, modifikat jew irtirat, l-awtorità emittenti għandha tinforma lill-persuni li għalihom ikunu ħarġu kopji ċertifikati biex jiġi evitat użu żbaljat ta' tali kopji.

(82) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mezz modern ta' aċċess għall-ġustizzja li jagħmilha possibbli għall-persuni fiżiċi jew għar-rappreżentanti legali tagħhom u għall-qrati tal-Istati Membri jew għal awtoritajiet kompetenti oħra li jikkomunikaw b'mod elettroniku permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew stabbilit fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika permezz tar-Regolament (UE) …/…[ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni]. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza mar-[Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni]. Huwa għalhekk xieraq li dan ir-Regolament jirreferi għar-[Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni] kif meħtieġ, inkluż fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' "sistema tal-IT deċentralizzata" u "punt Ewropew ta' aċċess elettroniku". Il-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew se jkun parti minn sistema tal-IT deċentralizzata. Is-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li tkun magħmula minn sistemi back-end tal-Istati Membri u punti ta' aċċess interoperabbli, li permezz tagħhom huma jenħtieġ li jkunu interkonnessi. Il-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT

deċentralizzata jenħtieġ li jkunu bbażati fuq is-sistema e-CODEX stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/850. Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà jipprovdi l-kunċett ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' politika interoperabbli[28].

(83) Il-punt Ewropew ta' aċċess elettroniku jenħtieġ li jippermetti lill-persuni fiżiċi jew lir-rappreżentanti legali tagħhom li jniedu talba għal Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur u li jirċievu u jibagħtu dak iċ-Ċertifikat b'mod elettroniku. Dan jenħtieġ li jippermettilhom ukoll li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-qrati tal-Istati Membri jew ma' awtoritajiet kompetenti oħra fi proċedimenti għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew proċedimenti għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur. Il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li jikkomunikaw maċ-ċittadini permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew biss meta ċ-ċittadin ikun ta kunsens espliċitu minn qabel għall-użu ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni.

(84) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet Nru 16, Nru 33 u Nru 34 tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Istatus Ċivili (International Commission on Civil Status, "ICCS") fir-rigward tal-estratti plurilingwistiċi u ċ-ċertifikati tat-twelid bejn l-Istati Membri jew bejn Stat Membru u Stat terz.

(85) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' sistema tal-IT deċentralizzata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29].

(86) Sabiex jiġi żgurat li l-attestazzjonijiet previsti fil-Kapitoli IV u V u ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur previst fil-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament jinżammu aġġornati, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda l-Annessi I sa V ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.[30]. B'mod partikolari, biex jiżgura parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Kunsill jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(87) Ir-rispett tal-impenji internazzjonali li jkunu daħlu għalihom l-Istati Membri jfisser li r-Regolament ma għandux jaffettwa konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom Stati Membri jkunu parti fil-mument li dan ir-Regolament jiġi adottat. Sabiex ir-regoli jsiru aktar aċċessibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika lista tal-konvenzjonijiet

---

[28] COM(2022) 710 final u COM(2022) 720 final tat-18 ta' Novembru 2022.

[29] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[30] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

rilevanti fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Il-konsistenza mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament tirrikjedi, madankollu, li dan ir-Regolament ikollu preċedenza, bejn l-Istati Membri, fuq konvenzjonijiet konklużi esklużivament bejn żewġ Stati Membri jew aktar sa fejn dawn il-konvenzjonijiet jikkonċernaw materji regolati minn dan ir-Regolament.

(88) Huwa mfakkar li għal ftehimiet ma' Stat terz wieħed jew aktar konklużi minn Stat Membru qabel id-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, japplika l-Artikolu 351 tat-TFUE.

(89) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika u taġġorna l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri.

(90) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 dwar id-dritt ta' kulħadd għal rispett għall-ħajja privata u tal-familja tiegħu, l-Artikolu 21 li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni, u l-Artikolu 24 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

(91) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi applikat f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u b'rispett għall-protezzjoni tal-privatezza kif stabbilit fil-Karta. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, il-"GDPR"), ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] (ir-Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, l-"EUDPR") u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33].

(92) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jista' jkollhom bżonn jipproċessaw *data* personali għall-finijiet tal-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri. Dan jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjoni transfruntiera, il-ħruġ tal-attestazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet tal-qorti jew l-istrumenti awtentiċi, il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, il-preżentazzjoni ta' dokumenti għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, il-kisba ta' deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, jew l-applikazzjoni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur. Id-*data* personali pproċessata mill-qrati tal-Istati Membri jew minn awtoritajiet kompetenti oħra skont dan ir-Regolament tinsab fid-

---

[31] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[32] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[33] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

dokumenti ttrattati mill-qrati tal-Istati Membri jew minn awtoritajiet kompetenti oħra għall-finijiet ta' hawn fuq. Id-*data* personali pproċessata se tikkonċerna b'mod partikolari lit-tfal, lill-ġenituri tagħhom u lir-rappreżentanti legali tagħhom. Id-*data* personali ttrattata mill-qrati tal-Istati Membri jew minn awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li tiġi pproċessata f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari l-GDPR. Barra minn hekk, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn tipproċessa *data* personali b'rabta mal-komunikazzjoni elettronika bejn persuni fiżiċi jew ir-rappreżentanti legali tagħhom u l-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra biex titlob, tirċievi u tibgħat Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, jew fil-proċedimenti li jikkonċernaw ir-rikonoxximent jew ir-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew fil-kuntest tas-sistema tal-IT deċentralizzata. Id-*data* personali ttrattata mill-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi pproċessata f'konformità mal-EUDPR.

(93) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi l-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-qrati tal-Istati Membri jew minn awtoritajiet kompetenti oħra f'konformità mal-Artikolu 6(1) u (3) tal-GDPR u mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 5(1) u (2) tal-EUDPR. L-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 9(2) tal-GDPR peress li d-*data* se tiġi pproċessata mill-qrati li jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom f'konformità mal-punt (f), jew l-ipproċessar se jkun meħtieġ minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali abbażi ta' dan ir-Regolament, li għandu l-għan li jiffaċilita r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u drittijiet oħra tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri fl-Unjoni, f'konformità mal-punt (g). Bl-istess mod, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 10(2) tal-EUDPR peress li l-ipproċessar ta' *data* se jkun meħtieġ għall-istabbiliment, għall-eżerċizzju jew għad-difiża ta' pretensjonijiet legali f'konformità mal-punt (f), jew l-ipproċessar se jkun meħtieġ minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali abbażi ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-punt (g).

(94) Id-*data* personali jenħtieġ li tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament biss għall-finijiet speċifiċi stabbiliti fih, mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ulterjuri għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku f'konformità mal-Artikoli 5(1)(b) u 89 tal-GDPR minħabba li, ladarba jkun ġie stabbilit l-istat ta' ġenitur f'sitwazzjoni transfruntiera jew ikun ġie rikonoxxut, il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jista' jkollhom bżonn jipproċessaw *data* personali għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku. Peress li dan ir-Regolament jikkonċerna l-aspetti transfruntieri tal-istat ta' ġenitur, li huwa kwistjoni ta' status ċivili li tista' tkompli tkun rilevanti għal perjodu ta' żmien indeterminat, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jillimitax il-perjodu ta' ħżin tal-informazzjoni u tad-*data* personali pproċessata.

(95) Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjoni transfruntiera, il-ħruġ tal-attestazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet tal-qorti jew l-istrumenti awtentiċi, il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, il-preżentazzjoni ta' dokumenti għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, il-kisba ta' deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, jew l-applikazzjoni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra mogħtija s-setgħa mill-Istati Membri li japplikaw dan ir-Regolament jenħtieġ li jitqiesu bħala kontrolluri skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt 7 tal-GDPR.

Għall-finijiet tal-ġestjoni teknika, l-iżvilupp, il-manutenzjoni, is-sigurtà u l-appoġġ tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew, u tal-komunikazzjoni bejn il-persuni fiżiċi jew ir-rappreżentanti legali tagħhom u l-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew u s-sistema tal-IT deċentralizzata, il-Kummissjoni jenħtieġ li titqies bħala kontrollur skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 8 tal-EUDPR. Il-kontrolluri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-*data* pproċessata għall-finijiet ta' hawn fuq.

(96) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] u ta opinjoni fi [data][35].

(97) [F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.] JEW

(97a) [F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat[, permezz tal-ittra ta' …,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

(98) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(99) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-differenzi bejn ir-regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli u r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti u strumenti awtentiċi, iżda jistgħu, minħabba l-applikabbiltà diretta u n-natura vinkolanti ta' dan ir-Regolament, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi,

---

[34] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[35] ĠU C [numru], [X.X.XXXX], p. X.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; regoli komuni għar-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija, u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur mfassla jew irreġistrati, fi Stat Membru ieħor; u joħloq Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur.

*Artikolu 2*

**Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni**

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-limitazzjonijiet relatati mal-użu tal-ordni pubbliku bħala ġustifikazzjoni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fejn, skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu dokument li jistabbilixxi filjazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni.
2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa r-Regolament (UE) 2016/1191, b'mod partikolari fir-rigward tad-dokumenti pubbliċi , kif definiti f'dak ir-Regolament, dwar it-twelid, l-istat ta' ġenitur u l-adozzjoni.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:
   (a) l-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' żwieġ jew ta' relazzjoni meqjusa mid-dritt applikabbli għal tali relazzjoni li għandha effetti komparabbli, bħal sħubija rreġistrata;
   (b) kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri;
   (c) il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi;
   (d) l-emanċipazzjoni;
   (e) l-adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor;
   (f) l-obbligi ta' manteniment;
   (g) it-trusts u s-suċċessjoni;

(h) in-nazzjonalità;

(i) ir-rekwiżiti legali għar-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur f'reġistru ta' Stat Membru, u l-effetti tar-reġistrazzjoni jew tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur f'reġistru ta' Stat Membru.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għar-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur mogħti fi Stat terz jew għar-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur, jew li jagħtu prova tagħhom, imfassla jew irreġistrati fi Stat terz.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "stat ta' ġenitur" tfisser il-filjazzjoni stabbilita fid-dritt. Dan jinkludi l-istatus legali li wieħed ikun il-wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari;

2. "wild" tfisser persuna ta' kwalunkwe età li l-istat ta' ġenitur tagħha għandu jiġi stabbilit, rikonoxxut jew evidenzjat;

3. "stabbiliment tal-istat ta' ġenitur" tfisser id-determinazzjoni fid-dritt tar-relazzjoni bejn wild u kull ġenitur, inkluż l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur wara talba li tikkontesta l-istat ta' ġenitur stabbilit preċedentament;

4. "qorti" tfisser awtorità fi Stat Membru li teżerċita funzjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur;

5. "deċiżjoni tal-qorti" tfisser deċiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru, inkluż digriet, ordni jew sentenza, dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur;

6. "strument awtentiku" tfisser dokument li ġie abbozzat jew irreġistrat formalment bħala strument awtentiku f'xi Stat Membru fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u li l-awtentiċità tiegħu:

   (a) hija relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument; u

   (b) ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew awtorità oħra mogħtija s-setgħa li tagħmel dan mill-Istat Membru ta' oriġini;

7. "Stat Membru ta' oriġini" tfisser l-Istat Membru li fih tkun ingħatat id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur, li fih ikun ġie formalment imfassal jew irreġistrat l-istrument awtentiku, jew li minnu jkun inħareġ iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur;

8. "sistema tal-IT deċentralizzata" tfisser sistema tal-IT kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-[Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni];

9. "punt ta' aċċess elettroniku Ewropew" tfisser punt ta' aċċess interoperabbli kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-[Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni].

*Artikolu 5*

**Kompetenza f'materji ta' suċċessjoni fl-Istati Membri**

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur.

# KAPITOLU II

## ĠURIŻDIZZJONI

*Artikolu 6*

**Ġuriżdizzjoni ġenerali**

Fi kwistjonijiet relatati mal-istat ta' ġenitur, il-ġuriżdizzjoni għandha tkun tal-qrati tal-Istat Membru:

(a) tar-residenza abitwali tal-wild fil-mument li fih il-qorti tkun invokata, jew

(b) tan-nazzjonalità tal-wild fil-mument li fih il-qorti tkun invokata, jew

(c) tar-residenza abitwali tal-intimat fil-mument li fih il-qorti tkun invokata, jew

(d) tar-residenza abitwali ta' ġenitur wieħed jew l-ieħor fil-mument li fih il-qorti tkun invokata, jew

(e) tan-nazzjonalità ta' ġenitur wieħed jew l-ieħor fil-mument li l-qorti tkun invokata, jew

(f) tat-twelid tal-wild.

*Artikolu 7*

**Ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-wild**

Meta l-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-Artikolu 6, il-qrati tal-Istat Membru fejn il-wild ikun preżenti għandu jkollhom ġuriżdizzjoni.

*Artikolu 8*

**Ġuriżdizzjoni residwa**

Fejn l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha l-ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 6 sa 7, il-ġuriżdizzjoni għandha tkun determinata, f'kull Stat Membru, mil-liġijiet ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 9*

***Forum necessitatis***

Fejn l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jiddeċiedu dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur jekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitressqu jew jitwettqu raġonevolment, jew ikunu impossibbli fi Stat terz li l-każ ikun marbut miegħu mill-qrib.

Il-każ irid ikollu rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.

*Artikolu 10*

**Kwistjonijiet inċidentali**

1. Jekk l-eżitu ta' proċedimenti fi kwistjoni li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament quddiem qorti ta' Stat Membru jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali marbuta mal-istat ta' ġenitur, qorti f'dak l-Istat Membru

tista' tiddetermina dik il-kwistjoni għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti anke jekk dak l-Istat Membru ma jkollux ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament.

2. Id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali skont il-paragrafu 1 għandha tipproduċi effetti fil-proċedimenti biss li għalihom tkun saret dik id-determinazzjoni.

*Artikolu 11*

**Invokazzjoni ta' qorti**

Qorti għandha tiġi kkunsidrata li hija invokata:

(a) fil-mument li l-att promotur jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat il-qorti, dment li r-rikorrent ma jkunx naqas sussegwentement milli jieħu l-passi neċessarji li kienu dovuti biex issir in-notifika lill-intimat;

(b) jekk id-dokument għandu jiġi nnotifikat qabel ma jiġi ppreżentat il-qorti, fil-mument li jiġi riċevut mill-awtorità responsabbli għan-notifika, dment li r-rikorrent ma jkunx naqas sussegwentement milli jieħu l-passi li kellu jieħu biex id-dokument jiġi ppreżentat il-qorti; jew

(c) jekk il-proċedimenti jinfetħu b'mozzjoni tal-qorti stess, fil-mument meta d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedimenti tittieħed mill-qorti, jew, meta tali deċiżjoni ma tkunx meħtieġa, fil-mument meta l-kawża tiġi rreġistrata mill-qorti.

*Artikolu 12*

**Eżaminazzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni**

Meta qorti ta' Stat Membru tiġi invokata b'kawża li fuqha ma jkollha l-ebda ġuriżdizzjoni dwar il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament u li fuqha qorti ta' Stat Membru ieħor ikollha ġuriżdizzjoni dwar il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament, din għandha tiddikjara fuq inizjattiva proprja li ma għandha l-ebda ġuriżdizzjoni.

*Artikolu 13*

**Eżami dwar l-ammissibbilità**

1. Meta intimat li jkun abitwalment residenti fi Stat li ma jkunx l-Istat Membru fejn inbdew il-proċedimenti ma jidhirx, il-qorti b'ġuriżdizzjoni għandha tissospendi l-proċedimenti sakemm ma jkunx jista' jiġi ppruvat li l-intimat kellu l-possibbiltà li jirċievi l-att promotur jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti li jippermettilu jirranġa għad-difiża tiegħu, jew li l-passi meħtieġa kollha jkunu ttieħdu għal dan il-għan.

2. L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 2020/1784 għandu japplika minflok il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jintbagħat minn Stat Membru wieħed għall-ieħor skont dak ir-Regolament.

3. Meta r-Regolament (KE) Nru 2020/1784 ma jkunx japplika, għandu japplika l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-notifika barra mill-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali jekk l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jiġi trażmess 'il barra mill-pajjiż f'konformità ma' dik il-Konvenzjoni.

*Artikolu 14*

***Lis pendens***

1. Meta proċedimenti li jinvolvu l-istess suġġett tal-kawża u li jkunu bejn l-istess partijiet jinbdew fil-qrati ta' Stati Membri differenti, kull qorti, ħlief il-qorti li ġiet invokata l-ewwel, għandha tissospendi l-proċedimenti fuq inizjattiva proprja, sakemm tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-qorti invokata l-ewwel.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, fuq talba minn qorti invokata bit-tilwima, kwalunkwe qorti invokata oħra għandha mingħajr dewmien tinforma lill-ewwel qorti bid-data li fiha ġiet invokata.

3. Meta tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li tkun ġiet invokata l-ewwel, kull qorti oħra ħlief il-qorti invokata l-ewwel għandha tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni favur il-qorti invokata l-ewwel.

*Artikolu 15*

**Dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom**

1. Meta jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament, il-qrati tal-Istati Membri għandhom, f'konformità mad-dritt u l-proċedura nazzjonali, jipprovdu lil tfal taħt l-età ta' 18-il sena li l-istat ta' ġenitur tagħhom għandu jiġi stabbilit u li huma kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom stess, b'opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, jew direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq.

2. Meta l-qorti, skont id-dritt u l-proċedura nazzjonali, tagħti lit-tfal taħt l-età ta' 18-il sena l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont dan l-Artikolu, il-qorti għandha tagħti l-piż dovut lill-fehmiet tat-tfal skont l-età u l-maturità tagħhom.

# KAPITOLU III

## DRITT APPLIKABBLI

*Artikolu 16*

**Applikazzjoni universali**

Kwalunkwe dritt deżinjat bħala applikabbli minn dan ir-Regolament għandu jiġi applikat kemm jekk huwa d-dritt ta' Stat Membru kif ukoll le.

*Artikolu 17*

**Dritt applikabbli**

1. Id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur għandu jkun id-dritt tal-Istat tar-residenza abitwali tal-persuna li tkun qiegħda twelled fil-ħin tat-twelid jew, fejn ir-residenza abitwali tal-persuna li tkun qiegħda twelled fil-ħin tat-twelid ma tkunx tista' tiġi ddeterminata, id-dritt tal-Istat tat-twelid tal-wild.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta d-dritt applikabbli skont il-paragrafu 1 jirriżulta fl-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fir-rigward ta' ġenitur wieħed biss, id-dritt tal-Istat tan-nazzjonalità ta' dak il-ġenitur jew tat-tieni ġenitur, jew id-dritt tal-Istat tat-twelid

tal-wild, jista' japplika għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fir-rigward tat-tieni ġenitur.

*Artikolu 18*

**Kamp ta' applikazzjoni tad-dritt applikabbli**

Id-dritt deżinjat minn dan ir-Regolament bħala d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur għandu jirregola, b'mod partikolari:

(a) il-proċeduri biex jiġi stabbilit jew jew ikkontestat l-istat ta' ġenitur;

(b) l-effett legali vinkolanti u/jew l-effetti evidenzjarji tal-istrumenti awtentiċi;

(c) il-pożizzjoni ta' persuni fi proċedimenti li jinvolvu l-istabbiliment jew il-kontestazzjoni tal-istat ta' ġenitur;

(d) kwalunkwe limitu ta' żmien biex jiġi stabbilit jew ikkontestat l-istat ta' ġenitur.

*Artikolu 19*

**Tibdil tad-dritt applikabbli**

Meta jkun ġie stabbilit l-istat ta' ġenitur fi Stat Membru skont dan ir-Regolament, bidla sussegwenti tad-dritt applikabbli ma għandhiex taffettwa l-istat ta' ġenitur diġà stabbilit.

*Artikolu 20*

**Validità formali**

1. Att unilaterali maħsub biex ikollu effett legali fuq l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur għandu jkun validu inkwantu l-forma sa fejn jissodisfa r-rekwiżiti ta' waħda mil-liġijiet li ġejjin:

   (a) id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur skont l-Artikolu 17;

   (b) id-dritt tal-Istat fejn il-persuna li tagħmel l-att għandha r-residenza abitwali tagħha; jew

   (c) id-dritt tal-Istat li fih sar l-att.

2. Att li huwa intiż li jkollu effett legali fuq l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur jista' jiġi evidenzjat bi kwalunkwe mezz ta' prova rikonoxxut mil-liġi tal-forum jew minn kwalunkwe waħda mil-liġijiet imsemmija fil-paragrafu 1 li taħtu dak l-att ikun formalment validu, dment li tali mezz ta' prova jkun jista' jiġi amministrat mill-forum.

*Artikolu 21*

**Esklużjoni ta' renvoi**

L-applikazzjoni tad-dritt ta' kwalunkwe Stat speċifikata minn dan ir-Regolament tfisser l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt fis-seħħ f'dak l-Istat minbarra r-regoli tad-dritt internazzjonali privat tiegħu.

*Artikolu 22*

**Ordni pubbliku**

1. L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt, ta' kwalunkwe pajjiż, speċifikata minn dan ir-Regolament tista' tiġi rrifjutata biss jekk tali applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum.

2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.

*Artikolu 23*

**Stati b'aktar minn sistema ġuridika waħda**

1. Fejn id-dritt speċifikat minn dan ir-Regolament huwa dak ta' Stat li jinkludi diversi unitajiet territorjali, fejn kull waħda minnhom ikollha r-regoli tad-dritt proprji tagħha għal kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, ir-regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat għandhom jiddeterminaw l-unità territorjali rilevanti li r-regoli tad-dritt proprji tagħha għandhom japplikaw.

2. Fl-assenza ta' tali regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet:

(a) kwalunkwe referenza għad-dritt tal-Istat imsemmi fil-paragrafu 1 għandha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli skont id-dispożizzjoni li tirreferi għar-residenza abitwali tal-persuna li tkun qiegħda twelled fil-mument tat-twelid, titqies li tirreferi għad-dritt tal-unità territorjali li fiha l-persuna li tkun qiegħda twelled kellha r-residenza abitwali tagħha;

(b) kwalunkwe referenza għad-dritt tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1 għandha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli skont dispożizzjonijiet li jirreferu għall-Istat tat-twelid tal-wild, titqies li tirreferi għad-dritt tal-unità territorjali fejn ikun twieled il-wild.

(c) Stat Membru li għandu diversi unitajiet territorjali li kull waħda minnhom għandha r-regoli ta' dritt proprji tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur ma għandux ikun obbligat li japplika dan ir-Regolament għall-kunflitti tal-liġijiet li jirriżultaw biss bejn dawn l-unitajiet.

# KAPITOLU IV

## RIKONOXXIMENT

## TAQSIMA 1

***Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ir-rikonoxximent***

*Artikolu 24*

**Rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti**

1. Sentenza tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċedura speċjali.

2. B'mod partikolari ma għandha tkun meħtieġa l-ebda proċedura speċjali għall-aġġornament tar-rekords tal-istat ċivili ta' Stat Membru abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti

dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru ieħor u li kontriha ma hemm l-ebda appell ieħor skont id-dritt ta' dak l-Istat Membru.

3. Meta r-rikonoxximent ta' deċiżjoni jitqajjem bħala kwistjoni inċidentali quddiem qorti ta' Stat Membru, dik il-qorti tista' tiddetermina dik il-kwistjoni.

*Artikolu 25*

**Deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent**

1. Kwalunkwe parti interessata tista', f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikoli 32 sa 34, tapplika għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 31.

2. Il-ġuriżdizzjoni lokali tal-qorti kkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandha tiġi ddeterminata skont id-dritt tal-Istat Membru li fih jinġiebu l-proċedimenti skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 26*

**Dokumenti li għandhom jiġu prodotti għar-rikonoxximent**

1. Parti li tkun tixtieq tinvoka fi Stat Membru deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tipproduċi dawn li ġejjin:

   (a) kopja tad-deċiżjoni tal-qorti li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; u

   (b) l-attestazzjoni xierqa maħruġa skont l-Artikolu 29.

2. Il-qorti jew awtorità kompetenti li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista', meta jkun meħtieġ, titlob lill-parti li tinvokaha biex tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni tal-kontenut traduċibbli tal-partijiet b'test liberu tal-attestazzjoni imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-qorti jew awtorità kompetenti oħra li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-parti tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni tad-deċiżjoni tal-kontenut traduċibbli tal-partijiet b'test liberu tal-attestazzjoni jekk ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr din it-traduzzjoni jew transliterazzjoni.

*Artikolu 27*

**Assenza ta' dokumenti**

1. Jekk id-dokumenti speċifikati fl-Artikolu 26(1) ma jiġux prodotti, il-qorti jew l-awtorità kompetenti li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tispeċifika żmien għall-produzzjoni tagħha, taċċetta dokumenti ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni suffiċjenti quddiemha, tgħaddi mingħajr il-produzzjoni tagħhom.

2. Jekk il-qorti jew awtorità kompetenti oħra li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor tkun tirrikjedi dan, għandha tiġi prodotta traduzzjoni jew trażlitterazzjoni ta' tali dokumenti ekwivalenti.

*Artikolu 28*

**Sospensjoni tal-proċedimenti**

Il-qorti li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti tagħha, kompletament jew parzjalment, fejn:

(a) ikun tressaq appell ordinarju kontra dik id-deċiżjoni tal-qorti fl-Istat Membru ta' oriġini; jew

(b) jiġi ppreżentat rikors għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 25 jew għal deċiżjoni li r-rikonoxximent għandu jiġi rifjutat fuq il-bażi ta' waħda minn dawk ir-raġunijiet.

*Artikolu 29*

**Ħruġ tal-attestazzjoni**

1. Il-qorti ta' Stat Membru ta' oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandha, wara li jsir rikors minn parti, toħroġ attestazzjoni għal deċiżjoni tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness I.

2. L-attestazzjoni għandha tiġi kkompletata u tinħareġ bil-lingwa tad-deċiżjoni tal-qorti. L-attestazzjoni tista' tinħareġ ukoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mitluba mill-parti. Dan ma joħloq ebda obbligu għall-qorti li toħroġ l-attestazzjoni li tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni tal-kontenut traduċibbli tal-partijiet b'test liberu.

3. L-attestazzjoni għandu jkun fiha dikjarazzjoni li tinforma liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li l-attestazzjoni ma taffettwax id-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni u li, għall-eżerċitar ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.

4. Ma għandu jkun hemm l-ebda kontestazzjoni kontra l-ħruġ tal-attestazzjoni.

*Artikolu 30*

**Rettifika tal-attestazzjoni**

1. Il-qorti ta' Stat Membru ta' oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandha, fuq rikors, u tista', fuq inizjattiva proprja, tirrettifika l-attestazzjoni fejn, minħabba żball materjali jew ommissjoni, ikun hemm diskrepanza bejn id-deċiżjoni tal-qorti li għandha tiġi rikonoxxuta u l-attestazzjoni.

2. Id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini għandu japplika għall-proċedura għar-rettifika tal-attestazzjoni.

*Artikolu 31*

**Raġuni għal ċaħda ta' rikonoxximent**

1. Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti għandu jiġi miċħud:

   (a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati l-interessi tal-wild;

   (b) meta tkun ġiet mogħtija b'kontumaċja jekk il-persuni f'kontumaċja ma kinux ġew innotifikati bl-att promotur jew b'dokument ekwivalenti fi żmien

sufficjenti u b'tali mod li jkun jippermetti lil dawk il-persuni jirranġaw għad-difiża tagħhom ħlief jekk jiġi ddeterminat li tali persuni aċċettaw id-deċiżjoni tal-qorti b'mod inekwivokabbli;

(c) fuq rikors minn kwalunkwe persuna li tistqarr li d-deċiżjoni tal-qorti tikser id-drittijiet tal-paternità tiegħu jew tal-maternità tagħha fir-rigward tal-wild jekk tkun ingħatat mingħajr ma din il-persuna tkun ingħatat l-opportunità li tinstema';

(d) jekk u sa fejn ikun irrikonċiljabbli ma' xi deċiżjoni sussegwenti tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija fl-Istat Membru fejn ikun qiegħed jiġi invokat ir-rikonoxximent;

(e) jekk u sal-punt li ma tkunx tista' tiġi rrikonċiljata ma' deċiżjoni sussegwenti tal-qorti relatata mal-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru ieħor dment li d-deċiżjoni sussegwenti tal-qorti tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru li fih jiġi invokat ir-rikonoxximent.

2. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.

3. Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi rrifjutat jekk din tingħata mingħajr ma t-tfal ikunu ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, sakemm dan ma jkunx kontra l-interess tal-wild. Meta t-tfal ikunu taħt l-età ta' 18-il sena, din id-dispożizzjoni għandha tapplika meta t-tfal ikunu kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 15.

# TAQSIMA 2

## *Proċedura għal rifjut ta' rikonoxximent*

*Artikolu 32*

### Rikors għal rifjut ta' rikonoxximent

1. Il-proċedura biex isir rikors għal rifjut ta' rikonoxximent għandha, sakemm ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament, tkun irregolata mid-dritt tal-Istat Membru li fih jinbdew proċedimenti għal nuqqas ta' rikonoxximent.

2. Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur għandu jiġi rrifjutat jekk jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent imsemmija fl-Artikolu 31.

3. Il-ġuriżdizzjoni lokali tal-qorti kkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandha tiġi ddeterminata skont id-dritt tal-Istat Membru li fih jinbdew il-proċedimenti għal nuqqas ta' rikonoxximent.

4. Ir-rikorrent għandu jipprovdi lill-qorti b'kopja tad-deċiżjoni tal-qorti u, fejn applikabbli u possibbli, l-attestazzjoni xierqa maħruġa skont l-Artikolu 29.

5. Il-qorti tista', fejn ikun meħtieġ, tirrikjedi lir-rikorrent jipprovdi traduzzjoni jew translitterazzjoni tal-kontenut traduċibbli tal-partijiet tat-test liberu tal-attestazzjoni xierqa maħruġa skont l-Artikolu 29.

6. Jekk il-qorti ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr traduzzjoni jew trażlitterazzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti, hija tista' tirrikjedi lir-rikorrent jipprovdi tali traduzzjoni jew trażlitterazzjoni.

7. Il-qorti tista' tagħti eżenzjoni mill-produzzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 4 jekk:

(a) diġà jkunu fil-pussess tagħha; jew

(b) jekk tqisha mhux raġonevoli li tirrikjedi lir-rikorrent jipprovdihom.

8. Il-parti li tfittex ir-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor ma għandhiex tkun meħtieġa li jkollha indirizz postali fl-Istat Membru li fih jitressqu l-proċedimenti għal nuqqas ta' rikonoxximent. Dik il-parti għandha tkun meħtieġa li jkollha rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru li fih jinbdew proċedimenti għal nuqqas ta' rikonoxximent biss jekk tali rappreżentant ikun obbligatorju skont id-dritt tal-Istat Membru li fih jinbdew proċedimenti għal nuqqas ta' rikonoxximent irrispettivament min-nazzjonalità tal-partijiet.

*Artikolu 33*

**Kontestazzjoni jew appell**

1. Kull waħda mill-partijiet tista' tikkontesta jew tappella d-deċiżjoni dwar r-rikors għal rifjut ta' rikonoxximent.

2. Il-kontestazzjoni jew l-appell għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-qorti kkomunikata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 bħala l-qorti li quddiemha għandhom jiġu ppreżentati tali kontestazzjoni jew appell.

*Artikolu 34*

**Kontestazzjoni jew appell ulterjuri**

Deċiżjoni tal-qorti mogħtija fil-kontestazzjoni jew fl-appell tista' tiġi kkontestata permezz ta' kontestazzjoni jew appell fejn il-qrati li quddiemhom għandhom jiġu ppreżentati kwalunkwe kontestazzjoni jew appell ulterjuri jkunu ġew ikkomunikati mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71.

## TAQSIMA 3

***Strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti***

*Artikolu 35*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima għandha tapplika għal strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur li:

(a) ikunu tfasslu jew ġew irreġistrati formalment fi Stat Membru li jassumi ġuriżdizzjoni skont il-Kapitolu II; u

(b) ikollhom effett legali vinkolanti fl-Istat Membru fejn ikunu tfasslu jew ġew irreġistrati formalment.

*Artikolu 36*

**Rikonoxximent tal-atti awtentiċi**

Strumenti awtentiċi li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr ma tkun meħtieġa ebda proċedura speċjali. It-Taqsimiet 1 u 2 ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw skont dan, sakemm mhux previst mod ieħor f'din it-Taqsima.

*Artikolu 37*

**Attestazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandha, wara applikazzjoni minn parti, toħroġ attestazzjoni għal strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness II.

2. Iċ-ċertifikat jista' jinħareġ biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-istat Membru li jkun ta s-setgħa lill-awtorità pubblika jew lil awtorità oħra biex formalment tfassal jew tirreġistra l-istrument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur kellu l-ġuriżdizzjoni skont il-Kapitolu II; u

   (b) l-istrument awtentiku jew il-ftehim għandu effett legali vinkolanti f'dak l-Istat Membru.

3. L-attestazzjoni għandha tiġi kkompletata bil-lingwa tal-istrument awtentiku. Tista' tinħareġ ukoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mitluba mill-parti. Dan ma joħloq ebda obbligu għall-awtorità kompetenti li toħroġ l-attestazzjoni li tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni tal-kontenut traduċibbli tal-partijiet b'test liberu.

4. L-attestazzjoni għandu jkun fiha dikjarazzjoni li tinforma liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li l-attestazzjoni ma taffettwax id-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni u li, għall-eżerċitar ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.

5. Jekk l-attestazzjoni ma tiġix prodotta, l-istrument awtentiku ma għandux jiġi rikonoxxut fi Stat Membru ieħor.

*Artikolu 38*

**Rettifika u rtirar tal-attestazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandha, fuq talba, u tista', b'mozzjoni tagħha stess, tirrettifika l-attestazzjoni fejn, minħabba żball materjali jew ommissjoni, ikun hemm diskrepanza bejn l-istrument awtentiku u l-attestazzjoni.

2. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha, fuq talba jew fuq inizjattiva proprja, tirtira l-attestazzjoni fejn tkun ingħatat b'mod żbaljat, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 37.

3. Il-proċedura, inkluż kwalunkwe appell, fir-rigward tar-rettifika jew l-irtirar tal-attestazzjoni għandha tkun regolata mid-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini.

*Artikolu 39*

**Raġuni għal ċaħda ta' rikonoxximent**

1. Ir-rikonoxximent ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti għandu jiġi rrifjutat:

(a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati l-interessi tal-wild;

(b) fuq rikors minn kwalunkwe persuna li tistqarr li l-istrument awtentiku jikser il-paternità tiegħu jew il-maternità tagħha fuq il-wild, jekk l-istrument awtentiku jkun tfassal jew ġie rreġistrat formalment mingħajr ma dik il-persuna tkun ġiet involuta;

(c) jekk u sal-punt li ma tkunx tista' tiġi rrikonċiljata ma' deċiżjoni sussegwenti tal-qorti relatata mal-istat ta' ġenitur mogħtija, jew ma' strument awtentiku sussegwenti li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti mfassal jew irreġistrat, fl-Istat Membru li fih jiġi invokat ir-rikonoxximent;

(d) jekk u sal-punt li ma tkunx tista' tiġi rrikonċiljata ma' deċiżjoni sussegwenti tal-qorti relatata mal-istat ta' ġenitur mogħtija, jew strument awtentiku sussegwenti li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti mfassal jew reġistrat, fi Stat Membru ieħor dment li d-deċiżjoni tal-qorti jew l-istrument awtentiku sussegwenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tiegħu fl-Istat Membru li fih jiġi invokat ir-rikonoxximent.

2. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.

3. Ir-rikonoxximent ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti jista' jiġi rrifjutat jekk ikun tfassal jew ġie rreġistrat formalment mingħajr ma t-tfal ikunu ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Meta t-tfal ikunu taħt l-età ta' 18-il sena, din id-dispożizzjoni għandha tapplika meta t-tfal ikunu kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom.

## TAQSIMA 4

### *Dispożizzjonijiet oħrajn*

*Artikolu 40*

**Projbizzjoni ta' eżami mill-ġdid ta' ġuriżdizzjoni tal-qorti ta' oriġini**

Il-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur ma tistax tiġi eżaminata mil-ġdid. It-test tal-ordni pubbliku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 31(1) ma jistax jiġi applikat għar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9.

*Artikolu 41*

**Nuqqas ta' rieżami tas-sustanza**

Deċiżjoni tal-qorti mogħtija fi Stat Membru ieħor, jew strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini, taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' jiġi rieżaminat fir-rigward tas-sustanza tiegħu.

*Artikolu 42*

**Kostijiet**

Dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll għad-determinazzjoni tal-ammont ta' kostijiet u spejjeż tal-proċedimenti skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 43*

**Għajnuna legali**

1. Rikorrent li, fl-Istat Membru ta' oriġini, ikun ibbenefika minn għajnuna legali sħiħa jew parzjali jew minn eżenzjoni mill-kostijiet jew mill-ispejjeż għandu jkun intitolat, fil-proċeduri previsti fl-Artikoli 25(1) u 32, li jibbenefika mill-għajnuna legali li tkun l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estensiva mill-kostijiet u mill-ispejjeż previsti mid-dritt tal-Istat Membru li fih inbdew il-proċedimenti.

2. Rikorrenti li, fl-Istat Membru ta' oriġini, ikun ibbenefika minn proċediment bla ħlas quddiem awtorità amministrattiva kkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71 għandu jkun intitolat, fi kwalunkwe proċedura prevista fl-Artikoli 25(1) u 32, li jibbenefika mill-għajnuna legali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għal dak l-għan, il-parti għandha tippreżenta dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini li tgħid li hija tissodisfa r-rekwiżiti finanzjarji biex tikkwalifika għall-għotja ta' għajnuna legali sħiħa jew parzjali jew eżenzjoni mill-kostijiet jew l-ispejjeż.

# KAPITOLU V

## STRUMENTI AWTENTIĊI MINGĦAJR EFFETT LEGALI VINKOLANTI

*Artikolu 44*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għal strumenti awtentiċi li ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandhom effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 45*

**Aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi**

1. Strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini għandu jkollu l-istess effetti evidenzjarji fi Stat Membru ieħor bħalma għandu fl-Istat Membru ta' oriġini jew l-aktar effetti komparabbli, dment li dan ma jkunx manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku fl-Istat Membru li fih jiġi ppreżentat.

2. L-ordni pubbliku imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.

3. Persuna li tixtieq tuża tali strument awtentiku fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-awtorità li tkun fasslet jew irreġistrat formalment l-istrument awtentiku fl-Istat Membru ta' oriġini biex timla l-formola fl-Anness III li tiddeskrivi l-effetti evidenzjarji li jipproduċi l-istrument awtentiku fl-Istat Membru ta' oriġini.

4. L-attestazzjoni għandu jkun fiha dikjarazzjoni li tinforma liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li l-attestazzjoni ma taffettwax id-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni u li, għall-eżerċitar ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.

5. Kwalunkwe kontestazzjoni relattiva għall-awtentiċità ta' tali strument awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini u għandha tiġi deċiża skont id-dritt ta' dak l-Istat Membru. L-istrument awtentiku kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ieħor sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.

6. Kwalunkwe kontestazzjoni relatata mal-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati f'tali strument awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament u għandha tiġi deċiża skont id-dritt applikabbli skont il-Kapitolu III. L-istrument awtentiku kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' oriġini fir-rigward tal-kwistjoni li tkun qed tiġi kkontestata sakemm il-kontestazzjoni tkun pendenti quddiem il-qorti kompetenti.

7. Jekk l-eżitu tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali relatata mal-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati f'tali strument awtentiku, dik il-qorti għandu jkollha ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.

# KAPITOLU VI

## ĊERTIFIKAT EWROPEW TAL-ISTAT TA' ĠENITUR

*Artikolu 46*

**Ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur**

1. Dan ir-Regolament joħloq Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur (aktar 'il quddiem "iċ-Ċertifikat") li għandu jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor u għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 53.

2. L-użu taċ-Ċertifikat ma għandux ikun mandatorju.

3. Iċ-Ċertifikat ma għandux jieħu l-post tad-dokumenti interni li jintużaw għal finijiet simili fl-Istati Membri. Madankollu, ladarba jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor, iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 53 fl-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ħarġuh f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

*Artikolu 47*

**Skop taċ-Ċertifikat**

Iċ-Ċertifikat huwa għall-użu minn wild jew rappreżentant legali li, fi Stat Membru ieħor, jeħtieġ li jinvoka l-istatus tal-istat ta' ġenitur tal-wild.

*Artikolu 48*

**Kompetenza biex jinħareġ iċ-Ċertifikat**

1. Iċ-Ċertifikat għandu jinħareġ fl-Istat Membru li fih ikun ġie stabbilit l-istat ta' ġenitur u li l-qrati tiegħu, kif definiti fl-Artikolu 4(4), ikollhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 6, l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 9.

2. L-awtorità emittenti, kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71, tal-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

   (a) qorti kif definita fl-Artikolu 4(4); jew

   (b) awtorità oħra li, skont id-dritt nazzjonali, għandha kompetenza biex tittratta l-kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur.

*Artikolu 49*

**Applikazzjoni għal Ċertifikat**

1. Iċ-Ċertifikat għandu jinħareġ fuq applikazzjoni mill-wild ("l-applikant") jew, fejn applikabbli, minn rappreżentant legali.

2. Għall-finijiet tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni, l-applikant jista' juża l-formola stabbilita fl-Anness IV.

3. L-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni elenkata hawn isfel, sa fejn l-applikant ikun jaf b'din l-informazzjoni u sa fejn hija tkun meħtieġa biex l-awtorità emittenti tkun tista' tiċċertifika l-elementi li l-applikant irid li jiġu ċertifikati, u għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti kollha jew fl-oriġinali jew

kopji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet neċessarji biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 50(2):

(a) dettalji li jikkonċernaw lill-applikant: il-kunjom(ijiet) (jekk applikabbli, il-kunjom(ijiet) fil-mument tat-twelid), l-isem/ismijiet, is-sess, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità (jekk magħrufa), in-numru ta' identifikazzjoni (jekk applikabbli), l-indirizz;

(b) jekk applikabbli, dettalji dwar ir-rappreżentant legali tal-applikant: il-kunjom(ijiet) (jekk applikabbli, il-kunjom(ijiet) fil-mument tat-twelid), l-isem/ismijiet, l-indirizz u l-kapaċità rappreżentattiva;

(c) dettalji dwar kull ġenitur: il-kunjom(ijiet) (jekk applikabbli, il-kunjom(ijiet) fil-mument tat-twelid), l-isem/ismijiet, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numru ta' identifikazzjoni (jekk applikabbli), l-indirizz;

(d) il-post u l-Istat Membru fejn ikun irreġistrat l-istat ta' ġenitur tal-wild;

(e) l-elementi li fuqhom l-applikant jibbaża l-istat ta' ġenitur, fejn jiġu annessi l-oriġinal jew kopja tad-dokument(i) li jistabbilixxi/u l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti jew li jipprovdi/u evidenza tal-istat ta' ġenitur;

(f) id-dettalji ta' kuntatt tal-qorti tal-Istat Membru li stabbiliet l-istat ta' ġenitur, tal-awtorità kompetenti li ħarġet strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti, jew tal-awtorità kompetenti li tkun ħarġet strument awtentiku mingħajr effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda b'effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru;

(g) dikjarazzjoni li tiddikjara li, sa fejn jaf l-applikant, ma hemm l-ebda tilwima pendenti rigward l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati;

(h) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-applikant iqis utli għall-finijiet tal-ħruġ taċ-Ċertifikat.

*Artikolu 50*

**Eżami tal-applikazzjoni**

1. Meta tirċievi l-applikazzjoni l-awtorità emittenti għandha tivverifika l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti u evidenza oħra pprovduti mill-applikant. Hija għandha twettaq l-inkjesti meħtieġa għal dik il-verifika fuq inizjattiva proprja fejn dan ikun previst jew awtorizzat mid-dritt nazzjonali tagħha, jew għandha tistieden lill-applikant jipprovdi kwalunkwe evidenza oħra li hija tqis meħtieġa.

2. Meta l-applikant ma jkunx jista' jipproduċi kopji tad-dokumenti rilevanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħhom, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi li taċċetta forom oħra ta' evidenza.

3. Meta dan ikun previst mid-dritt nazzjonali tagħha u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti hemmhekk, l-awtorità emittenti tista' tirrikjedi li d-dikjarazzjonijiet isiru b'ġurament jew permezz ta' dikjarazzjoni statutorja minflok ġurament.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha, fuq talba, tipprovdi lill-awtorità emittenti ta' Stat Membru ieħor l-informazzjoni miżmuma, b'mod partikolari, fir-reġistri ċivili, personali jew tal-popolazzjoni u f'reġistri oħra fejn jiġu rreġistrati fatti li jkunu ta' rilevanza għall-istat ta' ġenitur tal-applikant, fejn dik l-awtorità kompetenti tiġi awtorizzata, skont id-dritt nazzjonali, li tipprovdi lil awtorità nazzjonali oħra b'tali informazzjoni.

*Artikolu 51*

**Ħruġ taċ-ċertifikat**

1. L-awtorità emittenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat mingħajr dewmien f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu meta l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu ġew stabbiliti skont id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur. Għandu jużа l-formola fl-Anness V.

L-awtorità emittenti ma għandhiex toħroġ iċ-Ċertifikat b'mod partikolari jekk:

(a) l-elementi li għandhom jiġu ċċertifikati jkunu qed jiġu kkontestati; jew

(b) iċ-Ċertifikat ma jkunx konformi ma' deċiżjoni tal-qorti li tkopri l-istess elementi.

2. It-tariffa miġbura għall-ħruġ ta' Ċertifikat ma għandhiex tkun ogħla mit-tariffa miġbura għall-ħruġ ta' ċertifikat skont id-dritt nazzjonali li jipprovdi evidenza tal-istat ta' ġenitur tal-applikant.

*Artikolu 52*

**Kontenut taċ-Ċertifikat**

Iċ-Ċertifikat għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, kif applikabbli:

(a) l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità emittenti tal-Istat Membru;

(b) jekk ikunu differenti, l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-qorti tal-Istat Membru li tkun stabbiliet l-istat ta' ġenitur, tal-awtorità kompetenti li tkun ħarġet strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti, jew tal-awtorità kompetenti li tkun ħarġet strument awtentiku mingħajr effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda b'effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru;

(c) in-numru ta' referenza tal-fajl;

(d) id-data u l-post tal-ħruġ;

(e) il-post u l-Istat Membru fejn ikun irreġistrat l-istat ta' ġenitur tal-wild;

(f) dettalji li jikkonċernaw lill-applikant: il-kunjom(ijiet) (jekk applikabbli, il-kunjom(ijiet) fil-mument tat-twelid), l-isem/ismijiet, is-sess, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità (jekk magħrufa), in-numru ta' identifikazzjoni (jekk applikabbli), l-indirizz;

(g) jekk applikabbli, dettalji dwar ir-rappreżentant legali tal-applikant: il-kunjom(ijiet) (jekk applikabbli, il-kunjom(ijiet) fil-mument tat-twelid), l-isem/ismijiet, l-indirizz u l-kapaċità rappreżentattiva;

(h) dettalji dwar kull ġenitur: il-kunjom(ijiet) (jekk applikabbli, il-kunjom(ijiet) fil-mument tat-twelid), l-isem/ismijiet, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numru ta' identifikazzjoni (jekk applikabbli), l-indirizz;

(i) l-elementi li abbażi tagħhom l-awtorità emittenti tikkunsidra lilha nfisha kompetenti biex toħroġ iċ-Ċertifikat;

(j) id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur u l-elementi li abbażi tagħhom ġie ddeterminat dak id-dritt;

(k) dikjarazzjoni li tinforma liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li ċ-Ċertifikat ma jaffettwax id-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni u li, għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz;

(l) firma u/jew timbru tal-awtorità emittenti.

*Artikolu 53*

**Effetti taċ-Ċertifikat**

1. Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti tiegħu fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtiega ta' ebda proċedura speċjali.

2. Iċ-Ċertifikat għandu jkun preżunt li juri b'mod akkurat l-elementi li jkunu ġew stabbiliti skont id-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur. Il-persuna msemmija fiċ-Ċertifikat bħala l-wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari għandha tkun preżunta li għandha l-istatus imsemmi fiċ-Ċertifikat.

3. Iċ-Ċertifikat għandu jikkostitwixxi dokument validu għar-reġistrazzjoni tal-istat ta' ġenitur fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-punt (i) tal-Artikolu 3(2).

*Artikolu 54*

**Kopji ċċertifikati taċ-Ċertifikat**

1. L-awtorità emittenti għandha żżomm l-oriġinali taċ-Ċertifikat u għandha toħroġ kopja ċċertifikata waħda jew aktar lill-applikant u lir-rappreżentant legali.

2. L-awtorità emittenti għandha, għall-finijiet tal-Artikoli 55(3) u 57(2), iżżomm lista ta' persuni li jkunu nħarġulhom kopji ċċertifikati skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 55*

**Rettifika, modifika jew irtirar taċ-Ċertifikat**

1. L-awtorità emittenti għandha, fuq talba ta' kwalunkwe persuna li turi interess leġittimu jew fuq inizjattiva proprja, tirrettifika ċ-Ċertifikat fil-każ ta' żball klerikali.

2. L-awtorità emittenti għandha, fuq talba ta' kwalunkwe persuna li turi interess leġittimu jew, fejn dan ikun possibbli skont id-dritt nazzjonali, fuq inizjattiva proprja, timmodifika jew tirtira ċ-Ċertifikat meta jkun ġie stabbilit li ċ-Ċertifikat jew l-elementi individwali tiegħu ma humiex akkurati.

3. L-awtorità emittenti għandha tinforma mingħajr dewmien lill-persuni kollha li jkunu nħarġulhom kopji ċċertifikati taċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 54(1), bi kwalunkwe rettifika, modifika jew irtirar tiegħu.

*Artikolu 56*

**Proċeduri ta' rimedju**

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità emittenti skont l-Artikolu 51 jistgħu jiġu kkontestati mill-applikant għal Ċertifikat jew rappreżentant legali.

Id-deċiżjonijiet meħudin mill-awtorità emittenti skont l-Artikolu 55 u l-punt (a) tal-Artikolu 57(1) jistgħu jiġu kkontestati minn kwalunkwe persuna li turi interess leġittimu.

Il-kontestazzjoni għandha tiġi ppreżentata quddiem qorti fl-Istat Membru tal-awtorità emittenti f'konformità mad-dritt ta' dak l-Istat Membru.

2. Jekk, bħala riżultat ta' kontestazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, jiġi stabbilit li ċ-Ċertifikat li nħareg ma huwiex preċiż, il-qorti kompetenti għandha tirrettifika, timmodifika jew tirtira ċ-Ċertifikat jew tiżgura li jiġi rettifikat, immodifikat jew irtirat mill-awtorità emittenti.

Jekk, b'riżultat ta' kontestazzjoni kif msemmi fil-paragrafu 1, jiġi stabbilit li r-rifjut li jinħareġ iċ-Ċertifikat ma kienx ġustifikat, il-qorti kompetenti għandha toħroġ iċ-Ċertifikat jew tiżgura li l-awtorità emittenti tivvaluta l-każ mill-ġdid u tieħu deċiżjoni ġdida.

*Artikolu 57*

**Sospensjoni tal-effetti taċ-Ċertifikat**

1. L-effetti taċ-Ċertifikat jistgħu jiġu sospiżi:

(a) mill-awtorità emittenti, fuq it-talba ta' kwalunkwe persuna li turi interess leġittimu, fl-istennija ta' modifika jew irtirar taċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 55; jew

(b) mill-qorti, fuq it-talba ta' kwalunkwe persuna intitolata li tikkontesta deċiżjoni meħuda mill-awtorità emittenti skont l-Artikolu 56, fl-istennija ta' tali kontestazzjoni.

2. L-awtorità emittenti jew, skont il-każ, il-qorti għandha mingħajr dewmien tinforma lill-persuni kollha li jkunu nħarġulhom kopji ċċertifikati taċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 54(1) bi kwalunkwe sospensjoni tal-effetti taċ-Ċertifikat.

Matul is-sospensjoni tal-effetti taċ-Ċertifikat ma jistgħux jinħarġu aktar kopji ċċertifikati taċ-Ċertifikat.

# KAPITOLU VII

## KOMUNIKAZZJONI DIĠITALI

*Artikolu 58*

**Komunikazzjoni permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew**

1. Il-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew stabbilit fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika skont l-Artikolu 4 tar-[Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni] jista' jintuża għall-komunikazzjoni elettronika bejn persuni fiżiċi jew ir-rappreżentanti legali tagħhom u l-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra b'rabta ma' dan li ġej:

(a) proċedimenti għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku dwar l-istat ta'

ġenitur, jew proċedimenti għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur;

(b) l-applikazzjoni għaċ--Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, il-ħruġ, ir-rettifika, il-modifika, l-irtirar, is-sospensjoni jew il-proċedimenti għal rimedju tiegħu.

2. L-Artikoli 4(3), 5(2) u (3), 6, 9(1) u 3, u 10 tar-[Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni] għandhom japplikaw għall-komunikazzjonijiet elettroniċi skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 59*

**Adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni**

1. Għall-finijiet ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont l-Artikolu 58(1), il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dan li ġej:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-metodi ta' komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-protokolli ta' komunikazzjoni;

(c) l-objettivi tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-miżuri tekniċi rilevanti li jiżguraw l-istandards minimi tas-sigurtà tal-informazzjoni u livell għoli ta' ċibersigurtà għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni;

(d) l-objettivi ta' disponibbiltà minima u r-rekwiżiti tekniċi relatati possibbli għall-komunikazzjoni elettronika permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 62(2).

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati minn [*sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

*Artikolu 60*

**Software ta' implimentazzjoni ta' referenza**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp futur ta' software ta' implimentazzjoni ta' referenza li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw bħala s-sistema back-end tagħhom minflok sistema tal-IT nazzjonali. Il-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp futur tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, iżżomm u tappoġġa fuq bażi mingħajr ħlas is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza.

*Artikolu 61*

**Kostijiet tas-sistema tal-IT deċentralizzata, tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew u tal-portali tal-IT nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jħallas il-kostijiet tal-installazzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT deċentralizzata li jinsabu fit-territorju tiegħu.

2. Kull Stat Membru għandu jġarrab il-kostijiet marbuta mal-istabbiliment u l-aġġustament tas-sistemi tal-IT nazzjonali tiegħu biex jagħmilhom interoperabbli mal-punti ta' aċċess, u għandu jġarrab il-kostijiet marbuta mal-amministrazzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' dawk is-sistemi.

3. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu preklużi milli japplikaw għal għotjiet biex jappoġġaw l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, skont il-programmi finanzjarji rilevanti tal-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-kostijiet kollha relatati mal-introduzzjoni ta' appoġġ għall-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew skont l-Artikolu 58(1).

*Artikolu 62*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36].

2. Fejn isir riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

# KAPITOLU VIII

## ATTI DELEGATI

*Artikolu 63*

**Delega ta' setgħat**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64 rigward l-emenda tal-Annessi I sa V biex taġġorna jew tagħmel bidliet tekniċi f'dawk l-Annessi.

*Artikolu 64*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 63 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien mid-[*data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 63 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Kunsill.

6. Att delegat skont l-Artikolu 63 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill jinforma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

7. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat bl-adozzjoni tal-atti delegati mill-Kummissjoni, bi kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, jew bir-revoka tad-delegazzjoni tas-setgħat mill-Kunsill.

# KAPITOLU IX

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

*Artikolu 65*

**Legalizzazzjoni jew formalità oħra simili**

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità simili oħra ma għandhom ikunu meħtieġa fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 66*

**Relazzjonijiet mal-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti**

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom Stat Membru wieħed jew aktar ikunu parti fiż-żmien meta jiġi adottat dan ir-Regolament u li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet regolati minn dan ir-Regolament.

2. Madankollu, dan ir-Regolament għandu, bejn l-Istati Membri, jieħu preċedenza fuq konvenzjonijiet konklużi esklussivament bejn żewġ Stati Membri jew aktar sa fejn dawn il-konvenzjonijiet jikkonċernaw kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament.

3. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi.

4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-Konvenzjonijiet Nru 16, Nru 33 u Nru 34 tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Istatus Ċivili.

*Artikolu 67*

**Lista ta' Konvenzjonijiet**

1. Sa [*sitt xhur qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 66(1). Wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-denunzji kollha ta' dawn il-konvenzjonijiet.

2. Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi n-notifiki msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika:

   (a) lista tal-konvenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1;

   (b) id-denunzji msemmiija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 68*

**Protezzjoni tad-*data***

1. Id-*data* personali meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi pproċessata mill-qrati tal-Istati Membri jew minn awtoritajiet kompetenti oħra għall-finijiet tal-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri u tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur, b'rabta mal-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur skont il-Kapitolu II, il-ħruġ ta' attestazzjonijiet skont l-Artikoli 29, 37 u 45, il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur skont l-Artikolu 51, il-preżentazzjoni tad-dokumenti għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur skont l-Artikolu 26, il-kisba ta' deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur skont l-Artikolu 25, jew l-applikazzjoni għal rifjut ta' rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur skont l-Artikolu 32.

2. L-ipproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament għandu jkun limitat sal-punt meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għal ipproċessar ulterjuri għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku f'konformità mal-Artikoli 5(1)(b) u 89 tal-GDPR.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-*data* skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt 7 tal-GDPR.

4. Id-*data* personali meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi pproċessata mill-Kummissjoni b'rabta mal-komunikazzjoni elettronika bejn il-persuni fiżiċi jew ir-rappreżentanti legali tagħhom u l-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew fil-kuntest tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

5. L-ipproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament għandu jkun limitat sal-punt meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 4.

6. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 8 tal-EUDPR.

*Artikolu 69*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-proċedimenti legali mibdija u għall-istrumenti awtentiċi mfassla jew irreġistrati formalment fi [*data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] jew wara.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn il-ġenitur ikun ġie stabbilit f'konformità ma' waħda mid-drittjiet deżinjati bħala applikabbli skont il-Kapitolu III fi Stat Membru li l-qrati tiegħu kellhom ġuriżdizzjoni skont il-Kapitolu II, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu:

(a) deċiżjoni tal-qorti li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor fi proċedimenti legali mibdija qabel [*data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u

(b) strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini li kien imfassal jew irreġistrat formalment qabel [*data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kapitolu IV għandu japplika għad-deċiżjonijiet tal-qorti u għall-istrumenti awtentiċi msemmija f'dan il-paragrafu.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandu effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru, dment li dan ma jkunx manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih tintalab l-aċċettazzjoni.

Il-Kapitolu V għandu japplika għall-istrumenti awtentiċi msemmija f'dan il-paragrafu.

*Artikolu 70*

**Rieżami**

1. Sa [*5 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża evalwazzjoni ta' kwalunkwe problema prattika li wieħed jiltaqa' magħha, appoġġat minn informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun hemm bżonn, minn proposta leġiżlattiva.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni fuq talba, u fejn disponibbli, l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tal-operazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament dwar:

(a) in-numru ta' rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini skont l-Artikolu 32, u n-numru ta' kawżi li fihom ikun ingħata r-rifjut tar-rikonoxximent;

(b) l-għadd ta' appelli ppreżentati skont l-Artikoli 33 u 34, rispettivament;

(c) in-numru ta' rikorsi li jikkontestaw il-kontenut ta' strument awtentiku li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini iżda li għandu effetti evidenzjarji f'dak l-Istat Membru, u n-numru ta' kawżi li fihom il-kontestazzjoni ntlaqgħet;

(d) in-numru ta' Ċertifikati Ewropej tal-Istat ta' ġenitur maħruġa; u

(e) il-kostijiet imġarrba skont l-Artikolu 61(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 71*

**Informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni dan li ġej:

(a) l-awtoritajiet mogħtija s-setgħa li jfasslu jew jirreġistraw strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-punt (6);

(b) il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu l-attestazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 29, fl-Artikolu 37 u fl-Artikolu 45, u l-qrati u l-awtoritajiet kompetenti biex jirrettifikaw l-attestazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 38;

(c) il-qrati kompetenti biex jittrattaw rikorsi għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 25, u l-qrati kompetenti biex jittrattaw rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 32 u l-appelli kontra deċiżjonijiet tal-qorti dwar tali rikorsi għal rifjut f'konformità mal-Artikoli 33 u 34, rispettivament; u

(d) il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur skont l-Artikolu 51, u l-qrati kompetenti biex jittrattaw il-proċeduri ta' rimedju msemmija fl-Artikolu 56.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa [*6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull tibdil fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' mezzi xierqa, inkluż permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

*Artikolu 72*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika minn [l-ewwel jum tax-xahar wara perjodu ta' 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-*Regolament*].

Madankollu, l-Artikolu 71 għandu japplika mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*